*fejn negozjant ikun ikkontratta f'isem soċjetà, huwa għandu d-dmir li jinforma lill-parti terza b'mod ċar u jekk hemm bżonn bil-miktub, jekk jixtieq li għal xogħol ieħor separat huwa kien ser jidher għal kumpannija oħra tiegħu -*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-10 ta' Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 71/2019 LM

**Mario Calleja (K.I. nru. 162476(M))**
**u martu Jacqueline Calleja (K.I. nru. 264374(M))**
*('ir-rikorrenti')*

***vs.***

**Portem Tourism Ventures Ltd (C 68829)**
*('is-soċjetà intimata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Portem Tourism Ventures Ltd (C 68829)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà intimata'] mis-sentenza

mogħtija fit-3 ta' April, 2023, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], li permezz tagħha ddeċidiet ir-rikors tar-rikorrenti **Mario Calleja (K.I. nru. 162476(M))** u martu **Jacqueline Calleja (K.I. nru. 264374(M))** [minn issa 'l quddiem flimkien 'ir-rikorrenti'] kif ġej:

- *tiddikjara illi l-kumpannija intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' erbatax-il elf erba' mija seba' u sittin Euro u seba' u ħamsin ċenteżmu (€14,467.57) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' materjal u xogħlijiet li saru lilha mill-istess rikorrenti;*
- *tikkundanna lill-kumpannija intimata tħallas din is-somma lir-rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekoribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża sal-effettiv pagament, u*
- *għar-raġunijiet fuq spjegati, tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha."*

## <u>Fatti</u>

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw pretensjoni għall-ħlas ta' materjal u xogħlijiet ta' għamara li saru mir-rikorrenti fuq struzzjonijiet tas-soċjetà intimata u intiża għal diversi stabbilimenti kummerċjali.

## <u>Mertu</u>

3. Ir-rikorrenti istitwew dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' avviż fl-10 ta' April, 2019 fejn ħarrku lis-soċjetà intimata sabiex tgħid għaliex m'għandiex tiġi kkundannata minn dik il-Qorti sabiex:

*"... tħallas is-somma ta' erbatax-il elf, disa' mija u ħamsa u tletin euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€14,935.44) lill-atturi, rappreżentanti l-prezz ta' materjal u varji xogħlijiet ta' għamara li saru lilek mill-atturi fuq struzzjonijiet tiegħek u dan kif jirriżulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bħala 'Dok MC1'.*
*Bl-ispejjeż kompriż dawk tal-mandat ta' sekwestru li qed jiġi ppreżentat kontestwalment u bl-imgħax legali kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni."*

4. Is-soċjetà intimata eċċepiet is-segwenti:

*"1. Preliminarjament, l-eċċepjenti tqajjem il-kwistjoni tal-*causa illecita*, stante li l-attur Mario Calleja, li xogħlu proprju huwa ta' Assistant Head f'St. Ignatius College, il-Ħandaq, qiegħed jopera bħala mastrudaxxa* part-time *mingħajr ma joħroġ* invoices *u riċevuti fiskali skont il-Liġi, u mingħajr ma huwa reġistrat mad-Dipartiment tal-V.A.T., liema stat ta' fatt jikkostitwixxi reat, u għaldaqstant, m'għandux jiġi permess illi jipprevalixxi ruħu minn proċeduri ġudizzjarji biex jissanzjona pretensjoni fuq attività li qiegħda tiġi ġestita u operata illegalment.*

*2. Preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, jigi eċċepit in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika mal-attriċi Jacqueline Calleja;*

*3. Preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, u b'referenza għad-Dok. MC1 esebit mal-Avviż odjern, l-eċċepjenti ma hiex il-leġittimu kontradittur għax-xogħol kollu indikat f'dan id-dokument, u dan stante illi hija ma tiġġestix il-Larry's Bar jew Larry's Hotel, iżda għandha l-ġestjoni biss tad-De Vilhena Boutique Hotel, Loop Bar u Il Teatro Pizzeria u Trattoria, u għalhekk tista' tirrispondi biss fil-mertu għal dawk ix-xogħlijiet li saru fid-De Vilhena Boutique Hotel, Loop Bar u Il Teatro Pizzeria e Trattoria;*

*4. Preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, tiġi eċċepita l-intempestività tal-azzjoni, u dan stante illi l-atturi qatt ma bagħtu ebda* invoice *u qatt ma interpellaw lill-eċċepjenti għall-ħlas fir-rigward tal-pretensjoni tagħhom qabel ma ntavolaw dawn il-proċeduri. Huwa stramb ħafna kif, skont id-DOK. MC1 esebit mal-Avviż odjern, l-aħħar pagament allegatament sar fl-4 ta' Jannar 2019 [u mhux 2018 – dik hija żball tat-tipa kif l-*entries *l-oħra qabilha jindikaw], sar xi xogħol ieħor fil-15 ta' Frar 2019, u l-kawża odjerna ġiet intavolata fl-10 ta' April 2019, u l-ewwel attentat li jsir Mandat ta' Sekwestru sar xi ġimgħa qabel. Hi x'inhi l-pretensjoni attriċi, jirriżulta ċar anke mill-atti promoturi li dawn ma taw ċans ta' xejn biex jippreżentaw il-pretensjoni tagħhom lill-eċċepjenti, u jaraw x'kontestazzjonijiet kien hemm, u jekk il-*

*kwistjoni setgħetx tiġi risolta amikevolment mingħajr proċeduri fil-Qorti bla bżonn. Fil-fatt l-atturi ma jippretendux spejjeż ta' interpellazzjonijiet, la ta' ittri bonarji u lanqas ta' ittri uffiċjali;*

*5. Illi, fil-mertu, l-eċċepjenti qiegħda tirrespinġi t-talbiet attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi;*

*6. Illi l-eċċepjenti hija mgħarrfa illi l-attur jippretendi ħlas [erronjament mingħandha] ta' Euro 800 għal* vanity units *li qatt ma ġew suppliti nonostante l-fatt li dawn kienu ġew imħallsa, u dan kif jirriżulta mill-istess rendikont DOK.MC1, u l-bieb tal-Larry's Hotel ma tlestiex u ma ġiex ritornat;*

*7. Illi l-attur jidher li qed ifittex lill-eċċepjenti ukoll għal xogħol li ma lestiex – fost oħrajn, l-eċċepjenti tispjega kif xogħol ta'* finishing *f'Il Teatro Pizzeria u Trattoria kellu jsir minn terzi stante li l-attur naqas milli jagħmilhom qabel il-ftuħ tal-istess f'Diċembru 2017, meta l-istess attur, minflok ma lesta li kellu jagħmel, għoġbu jagħmel xogħol f'bar ieħor jismu the Thirsty Lawyer u l-*locks *u* door handles *tal-istess Pizzeria ġew konsenjati iżda ma twaħħlux, u dan kellu jsir minn terzi. Dan għandu* jittieħed *in konsiderazzjoni.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

## Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

1. *Il-kawża tikkonċerna ammont ta' €14,935.44 li r-rikorrent* ***Mario Calleja*** *jgħid li għandu jieħu mill-kumpannija intimata rappreżentanti l-prezz ta' materjal u xogħlijiet tal-għamara li saru minnu lilha fuq struzzjonijiet tagħha stess. Fl-affidavit tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2019 r-rikorrent ippreċiża illi minn dan l-ammont,* ***€1,624.98*** *jirrappreżentaw spejjeż li għamel ma' terzi għan-nom tal-intimata filwaqt li l-kumplament, ossia l-ammont ta'* ***€13,310.46*** *jirrappreżenta r-remunerazzjoni dovuta lilu għax-xogħlijiet miftehma mal-kumpannija intimata. (fn. 3 Fol. 22)*
2. *L-intimata tressaq diversi eċċezzjonijet ta' natura preliminari ossia (i) l-*causa *illeċita stante illi skont hi r-rikorrent m'huwiex reġistrat mad-Dipartiment tal-*

*VAT, (ii) in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn l-intimata u r-rikorrenti Jacqueline Calleja, (iii) in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti u l-kumpannija intimata għar-rigward tax-xogħol li sar fil-Larry's Bar/Hotel peress illi ma tiġġestix in-negozju f'tali post, (iv) l-intempestività tal-azzjoni stante illi r-rikorrenti ma bagħtux* invoices *u ma nterpellawx lill-intimata qabel il-ftuħ tal-kawża odjerna. L-intimata ressqet ukoll tlett eċċezzjonijiet fil-mertu u ċioe illi: (v) t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħudha bl-ispejjeż kontrihom, (vi) l-ammont ta' €800 għall-*vanity units *f'Larry's Bar/Hotel m'huwiex dovut stante illi dawn ma ġewx suppliti u ġew imħallsa mir-rikorrenti filwaqt li l-ammonti dovuti in konnessjoni mal-bieb tal-Larry's Bar/Hotel mhumiex dovuti stante illi l-bieb ma tlestiex u ma ġiex irritornat lill-intimat, (viii) il-Qorti għandha tieħu konsiderazzjoni tal-fatt li x-xogħol ta'* finishes *f'Il Teatro Pizzeria e Trattoria kellu jsir minn terzi stante illi r-rikorrent naqas milli jagħmilhom qabel il-ftuħ tal-post f'Diċembru 2017 peress illi dak iż-żmien ir-rikorrent fettillu jmur jagħmel xogħol band'oħra u għandha tieħu konsiderazzjoni ukoll tal-fatt illi l-*locks *u* door handles *tal-istess post ġew ikkonsenjati iżda ma twaħħlux mir-rikorrent u kellhom jitwaħħlu minn terzi.*

3. *Il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet tal-intimata waħda waħda fid-dwal tal-provi li ġew imressqa.*

**Causa illeċita**

4. *L-ewwel eċċezzjoni tal-intimata hija dik tal-*causa *illeċita għaliex skont hi r-rikorrent, li huwa* Assistant Head *fil-Kulleġġ San Injazju qiegħed jopera bħala mastrudaxxa* part-time *mingħajr ma joħroġ fatturi u riċevuti fiskali skont il-liġi u mingħajr m'huwa reġistrat mad-Dipartiment tal-VAT.*

5. *Fuq dan il-punt xehed* ***Paul Scicluna*** *(għan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi) li qal li r-rikorrent irreġistra mad-Dipartiment fl-1 ta' Ottubru 2004 taħt l-Art. 11 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta). Taħt dan l-artikolu jiġu reġistrati persuni li jwettqu attività ekonomika li tkun tikkwalifika bħala intrapriża żgħira skont it-Taqsima Wieħed tas-Sitt Skeda tal-Att (i.e. fejn l-*annual turnover *ma jkunx jeċċedi ċertu ammont stabbilit mill-liġi). Dawn il-persuni joħorġu riċevuti fiskali bħala* exempt *u għalhekk ma jiġbrux u ma jħallsux VAT fuq is-servizzi tagħhom. Ġara illi permezz tal-Avviż Legali 524 tal-2010 li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011 il-Kummissarju tat-Taxxi kellu jieħu miżuri sabiex iħassar ir-reġistrazzjoni ta' persuni taxxabbli, reġistrati taħt l-artikolu 11 tal-Att, li l-valur tal-bejgħ tagħhom matul iż-żmien rilevanti ma kienx jaqbeż it-*threshold *ta' reġistrazzjoni (€7,000). Għalhekk mill-2011 ir-rikorrent ġie* de-

registered *peress li d-dħul ma kienx jaqbeż dak it-*threshold*. Sussegwentement permezz tal-Avviż Legali 67 tal-2015 il-liġi reġgħet inbidlet b'mod illi sat-30 ta' Ġunju 2015* ***kull*** *persuna taxxabbli taħt l-Att kellha tirreġistra jew taħt l-Art. 10 tal-Att (meta d-dħul jeċċedi ċertu ammont) jew inkella taħt l-Art. 11 (meta d-dħul ma jkun jeċċedi ċertu ammont u allura l-persuna reġistrata għalkemm tkun tenuta toħroġ riċevuta fiskali, ma tiġborx u ma tħallasx VAT). Skont ix-xhud ir-rikorrent baqa' ma reġax rreġistra mad-Dipartiment qabel l-1 ta' Frar 2019. F'din id-data ir-rikorrent irreġistra taħt l-Art. 11 tal-Att.*

6. *M'hemmx dubbju illi għal dawk is-servizzi qabel l-1 ta' Frar 2019 li r-rikorrent ta lill-intimata u talab il-ħlas għalihom huwa kellu jkun reġistrat mad-Dipartiment u joħroġ riċevuti fiskali skont il-liġi għalkemm kif ingħad diġà, ma kellu l-ebda obbligu illi jiġbor jew iħallas VAT.*

7. *L-intimata tippretendi illi ġaladarba kien hemm dan in-nuqqas mir-rikorrent, allura hemm il-*causa *illeċita u japplika l-*prinċipju ex turpi causa non oritur actio*.*

8. *Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet:* ***Joseph Farrugia v. Peter Paul Attard*** *(App Ċiv 47/2002/1 PS, Qorti tal-Appell, 16/09/2004):*

   "... hu dottrinalment aċċettat illi l-"causa" tal-obbligazzjoni hi l-iskop persegwit mill-kontraenti. Skont it-teorija oġġettiva din il-'causa' hi identifikata mal-funzjoni ekonomika-soċjali tan-negozju intervenut bejn il-kontraenti. Hi għalhekk diretta li tieħu qies tal-interessi kollha konkreti li l-operazzjoni, obbjettivament, hi maħsuba li tirrealizza. Jinkombi għalhekk fuq il-ġudikant li jidentifika d-dixxiplina regolatriċi tan-negozju u jipproċedi għall-valutazzjoni 'in concreto' tal-kawża, qua element essenzjali tan-negozju. Fi kliem ieħor għandu jiddetermina jekk il-'causa', oġġett tal-valutazzjoni, tikkonformax ruħha mal-liġi, inter alia, l-liċejetà tagħha...

   ... din il-Qorti ma tara xejn illeċitu fil-kontrattazzjoni 'de quo'. Il-ftehim ċertament ma kienx maħsub biex tiġi evasa xi taxxa dovuta tal-VAT. Anke jekk is-servizz prestat mill-attur appellat seta' kien soġġett għal din it-taxxa, l-ftehim milħuq ma jistax, bl-ebda sforz tal-immaġinazzjoni, jiġi kwalifikat bħala illeċitu, kontra l-morali jew kontra l-ordni pubbliku, li jsemmi l-artikolu 990 tal-Kodiċi Ċivili."

9. *Hekk ukoll l-istess Qorti kif presjeduta rriteniet fis-sentenza fl-ismijiet:* ***Josephine Grech et v. Ignatius Attard et noe*** *(30/06/2020) illi:*

   "l-fatt li l-iskrittura tax-xorta in eżami setgħet tkun soġġetta għal xi forma ta' ħlas ta' boll … … dan ma kienx jirrendi l-kuntratt null u bla effett fil-liġi u wisq

anqas ma kien jista' jirrendih ftehim mingħajr kawża jew b'kawża illeċita jew immorali jew kontra l-ordni pubbliku".

10. *Ġie deċiż ukoll mill-Qorti Taljana tal-Kassazzjoni illi:*

"le frodi fiscali non comporta la nullità dei negozi con cui viene commessa (C 87/6970) trovando la sua sanzione soltanto nelle disposizioni fiscali (C 99/12327)"

11. *Fil-każ odjern kif diġà ngħad ir-rikorrent seta' ma kienx jissoddisfa l-vot tal-liġi jekk dan ma kienx reġistrat mad-Dipartiment tal-VAT. Meta rreġistra huwa għamel dan taħt l-Art. 11 tal-Att li jfisser allura illi ftit li xejn jista' jingħad illi kien hemm xi evażjoni fiskali min-naħa tar-rikorrent. Ċio nonostante, anke li kieku rriżulta lill-Qorti illi r-rikorrent kellu l-obbligu li jiġbor u jħallas il-VAT fuq is-servizzi tiegħu, dan ma jagħmilx b'daqshekk il-*causa *waħda illeċita peress illi fih innifsu in-negozju bejn il-kontendenti ma jidhirx li sar bl-iskop li tiġi aġġirata l-liġi.*

12. *Għalhekk din l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata sejra tiġi miċħudha mill-Qorti.*

**Nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn l-intimata u r-rikorrenti Jacqueline Calleja**

13. *It-tieni eċċezzjoni tal-kumpannija intimata hija dik tan-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejnha u r-rikorrenti Jacqueline Calleja.*

14. *Mill-atti proċesswali u mill-provi prodotti jirriżulta li fuq perijodu ta' ċirka sentejn ir-rikorrenti għamel diversi xogħlijiet ta' mastrudaxxa lill-kumpannija intimata u inoltre inkorra spejjeż sabiex jixtri l-materjal. Ir-rikorrenti t-tnejn xehdu li huma miżżewġin (fn. 4 A fol 21 u 202) (f'dan ir-rigward ġie esebit iċ-ċertifikat taż-żwieġ a fol 25 li juri li huma żżewġu fit-28 ta' Ġunju 2001) u li bejniethom hemm fis-seħħ il-komunjoni tal-akkwisti.*

15. *Issir riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fl-ismijiet: **Yana Grech v. Ludwig Calleja et**. (Rik. 188/2015 per Maġistrat Rachel Montebello, 26/02/2020). F'dik il-kawża r-rikorrenti talbet ir-rifużjoni ta' ammont li kienet ħallset lill-intimat Calleja għal servizzi li kellhom jiġu reżi minnu lilha fl-appartament tagħha li però baqgħu ma ngħatawx. Fost eċċezzjonijiet oħra, l-intimata Claire Calleja, il-mara tal-intimat, eċċepiet in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti billi skont hi ma kellha l-ebda konnessjoni man-negozju mertu tal-kawża. Fis-sentenza mirquma tagħha (fn. 5 Din is-sentenza ġiet imdawwra mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru 2020 li ordnat li l-atti jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-mertu jiġi deċiż mill-ġdid wara li ssir il-kjamata fil-kawża ta' Keith Balzan Gera. Sad-data ta' din is-sentenza il-kawża għadha pendenti quddiem din il-Qorti diversement presjeduta) il-Qorti*

*ċċitat numru ta' sentenzi fosthom is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet:* ***Frankie Refalo et. v. Jason Azzopardi et.*** *(Ċit Nru 1365/1992/2, 05/10/2001) fejn ingħad is-segwenti:*

"Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha."

*Il-Qorti ċċitat ukoll is-sentenza fl-ismijiet:* ***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *(Qorti tal-Appell Inferjuri, App Ċiv Nru. 289/2006/1 PS, 09/04/2008) fejn ingħad illi:*

"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika."

*Il-Qorti kompliet billi qalet illi:*

"Huwa minnu illi ma jidhrix illi l-konvenuta kienet involuta direttament fin-negozju konkluż bejn l-attriċi u żewġha l-konvenut Ludwig Calleja, u lanqas jirriżulta illi hija parteċipi b'mod ġenerali fin-negozju eżercitat mill-istess konvenut konsistenti f'xogħlijiet ta' dawl u ilma. Madanakollu, billi l-konvenuti huma miżżewġin, u dan mhux kontestat minnhom, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi fil-liġi tagħna hemm preżunzjoni tal-eżistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bejn żewġ persuni miżżewġin Malta ... Għall-Qorti, dan ifisser illi bejn il-konvenuti teżisti l-komunjoni tal-akkwisti, u konsegwentement isibu riskontru r-regoli kontenuti fis-Subtitolu III tat-Titolu V tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Ċivili, fosthom għalhekk l-artikolu 1320 li jipprovdi illi fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu, inter alia, dak kollu li ż-żewġ partijiet miżżewġa jakkwistaw bix-xogħol jew bil-ħidma tagħhom. B'żieda ma' dan, skont l-artikolu 1324 tal-

Kap. 16, atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jiġu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni.

Għaldaqstant, ġaladarba jirriżulta illi t-talba attriċi f'din l-azzjoni hija msejsa fuq appalt li ngħata lill-konvenut fil-kors normali tal-kummerċ eżerċitat minnu, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali li jirregolaw ir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti għandu jikkonsegwi neċessarjament illi dak li seta' ġie akkwistat mill-konvenut minn dan in-negozju, anke jekk aġixxa waħdu, jifforma parti mill-akkwisti tal-komunjoni ta' beni eżistenti bejn iż-żewġ konvenuti miżżewġin.

Applikat it-tagħlim ċitat iktar qabel għall-eċċezzjoni in diżamina, il-Qorti tqis illi d-dħul minn u l-obbligazzjonijiet tan-negozju eżerċitat mill-konvenut Ludwig Calleja, jorbtu lill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn l-istess konvenut u l-konjuġi tiegħu anke jekk dan in-negozju jiġi ġestit mill-konvenut waħdu mingħajr il-parteċipazzjoni ta' martu. Tqis ukoll illi l-korollarju ta' dan huwa illi bħala l-konjuġi tal-konvenut u bħala komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti li fiha bla dubju jirrientraw l-akkwisti min-negozju eżerċitat minn żewġha l-konvenut Ludwig Calleja, teżisti relazzjoni ġuridika evidenti bejn il-konvenuta Claire Calleja u l-attriċi Yana Grech u għaldaqstant, il-konvenuta għandha titqies li ġiet ċitata in ġudizzju korrettement."

16. *Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversement presjeduta fl-ismijiet: **Christopher Selvagi et. v. Peter Borg** (Avv. Nru. 370/2003 per Maġistrat Gabriella Vella, 31/07/2012) f'kawża fejn ir-rikorrenti konjuġi Selvagi talbu risarċiment tad-danni kkawżati mill-intimat meta waħħal madum fil-proprjetà tagħhom il-Qorti rriteniet is-segwenti fir-rigward tal-eċċezzjoni tiegħu illi l-azzjoni kellha tiġi diretta ukoll kontra martu:*

"Fil-fehma tal-Qorti l-indoli tal-azzjoni attrici, nascenti appuntu mir-relazzjoni ġuridika bejn l-atturi konjuġi Selvagi u l-konvenut, li ilu jeżerċita s-sengħa ta' tile layer għal iktar minn ħamsa u tletin sena, għandha tiġi kkunsidrata fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 1324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ċioè li atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jiġu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux magħmula in relazzjoni ma' din is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.

Kif osservat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet Grazio Patiniott et v. Anthony Cini et, Appell Ċivili Nru. 2067/96 deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001 u mill-

Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet J&E Griscti v. Jesmond Sant et, Appell Ċivili Nru. 904/05 deċiża fl-10 ta' Jannar 2007, l-Artikolu 1324 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta’ Malta ma japplikax għal kull att tal-kummerċ kif definit mill-Kodiċi tal-Kummerċ iżda kien japplika biss fil-każ ta’ persuna li tkun qed teżerċita kummerċ, negozju jew professjoni bħala attività ekonomika u li fiha l-kuntrattazzjoni taħt eżami setgħet tinkwadra ruħha bħala att normali tal-ġestjoni tagħha. Fid-dawl ta’ tali prinċipju ma hemmx dubju li fil-każ odjern fejn, kif ġià osservat, il-konvenut għandu s-sengħa ta' tile layer u ilu jeżerċita tali sengħa għal iktar minn ħamsa u tletin sena, l-appalt kummissjonat mill-atturi konjuġi Selvagi lill-konvenut jikkostitwixxi għall-istess konvenut att normali ta’ ġestjoni tas-sengħa tiegħu, u għalhekk ai termini tal-Liġi tali att kien leġittimament u validament vestit fih biss. Minn dan isegwi li kwalunkwe azzjoni nascenti mill-appalt in kwistjoni, inkluża azzjoni għad-danni mill-atturi kontra l-konvenut minħabba inadempjenza kontrattwali, tista’ validament tigi istitwita mingħajr il-ħtieġa li mart il-konvenut tkun parti fil-proċeduri. Kif osservat fil-preċitata sentenza J&E Griscti Limited v. Jesmond Sant et, Appell Ċivili Nru. 904/05, l-iskop tal-artikolu 1324 hu intiż biex, fil-konfront tat-terz, il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsort wieħed biss, basta li jkun att “normali” ta’ ġestjoni ta’ kummerċ (Claudette Gauci v. Paolo Bonnici Limited et, 9 ta’ Ottubru 2003, per Imħallef Tonio Mallia). Għal kjarezza, qed jiġi rilevat illi hemm atti li jirrikjedu l-intervent taż-żewġ konjuġi [artikolu 1322(2)] u hemm ukoll atti li wieħed mill-konjuġi jista’ jġib fis-seħħ uti singuli [artikolu 1324 jew l-artikolu 1327(ċ)]. F’dawn l-istanzi t-terz kreditur huwa leġittimat li jissodisfa l-kreditu tiegħu fuq il-beni tal-komunjoni. Dan għar-raġuni illi dawk l-atti jinċidu fuq iċ-ċespiti li jifformaw parti mill-patrimonju tal-komunjoni. Naturalment, skont il-liġi, l-istess terz kreditur huwa ulterjorment tutelat billi in subordine idur fuq il-beni personali ta’ dak biss fost il-konjuġi li għamel in-negozju u ndaħal għar-responabilità kontrattwali diretta. Jiġi allura illi r-raġel jirrispondi għad-dejn de quo mhux biss bis-sehem tiegħu mill-komunjoni imma anke bil-beni tiegħu proprji, mentri l-mara hija biss responsabbli sal-konkorrenza ta’ sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Dan hu bil-wisq ċar mill-kontenut tan-norma fil-artikolu 1330 tal-Kodiċi Ċivili.

Għalkemm l-azzjoni odjerna tista' hekk tolqot il-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti presumibilment eżistenti bejn il-konvenut u martu, b’daqshekk ma jfissirx li l-appalt kummissjonat mill-atturi konjuġi Selvagi lill-konvenut u kwalunkwe azzjoni derivanti minnu għandhom jiġu kkunsidrati bħala atti ta' amministrazzjoni straordinarja li għall-validità legali tagħhom jinneċessitaw il-presenza taż-żewġ konjuġi. Kif ġià iktar 'l fuq osservat għall-fini

tal-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju sollevata mill-konvenut, il-Qorti għandha tikkonsidra l-indoli tal-azzjoni attriċi entro l-parametri restrittivi tal-artikolu 1322(3) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta u minn imkien fl-imsemmi artikolu tal-Liġi ma jistgħu l-appalt kummissjonat mill-atturi lill-konvenut u azzjoni derivanti minnu jitqiesu bħala atti ta' amministrazzjoni straordinarja.

Għaldaqstant fil-każ in eżami l-ġudizzju kif dirett fil-konfront tal-attur huwa integru u ma hemmx lok li huwa jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Konsegwentement għalhekk l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut ma jistħoqqx li tiġi milqugħa."

17. *Imbagħad fis-sentenza fl-ismijiet:* ***__Bernard Schranz v. Paul Azzopardi et.__*** *(181/06 per Maġistrat Gabriella Vella, 30/05/2016) f'kawża fejn ir-rikorrent fittex lill-intimati għar-rifużjoni ta' prezz ta' xogħol ta' mastrudaxxa li kien ħallas lill-intimat u fejn l-intimata, mart l-intimat Azzopardi, eċċepiet li m'għandha l-ebda* locus standi*, din il-Qorti diversement preseduta qalet is-segwenti:*

"Mill-atti proċesswali u mill-provi prodotti essenzjalment jirriżulta li l-attur kien inkariga lill-konvenut, li huwa mastrudaxxa, biex jagħmillu xogħol tal-injam fil-fond proprjetà tiegħu f'Nru.40, Triq Vittorio Cassar, Birkirkara, konsistenti f'ħamest itwieqi u erba' bibien. Fir-rigward il-konvenuti jikkontendu li jirriżulta bl-aktar mod ċar illi ma sar l-ebda ftehim ma' mart l-esponenti. Imkien fl-atti ma tissemma li ħadet xi ordni, aħseb u ara kemm din setgħet tikkonsenja jew tersaq sabiex tagħmel tajjeb għal dak li qed jippretendi l-attur. Fir-realtà kien biss l-esponenti illi ħa l-ordni tax-xogħol u mart l-esponenti hija għal kollox estraneja – l-unika raġuni għalfejn din iddaħħlet fil-kawża bħala konvenuta kien biss għal skop vessatorju. Fil-fehma tal-Qorti però tali sottomissjoni u konsegwenti eċċezzjoni tal-konvenuti huma ġuridikament żbaljati u bħala tali ma jistgħux jiġu milqugħa

Jibda biex jiġi osservat li għalkemm a tenur tal-artikolu 1324 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jiġu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux magħmula in relazzjoni ma' dik is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja, b'daqshekk ma jfissirx illi l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-konjuġi tkun eżonerata minn kull responsabilità versu it-terz kreditur.

... issir referenza għal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **__Three Barrels Limited v. Joan Schembri et, Ċitaz. Nru. 553/99__** deċiża

fis-17 ta' Jannar 2013: bl-artikolu 1324 tal-Kap.16, għalhekk, il-komunjoni tintrabat fil-konfront tat-terz, anke meta att straordinarju jsir minn konsort wieħed biss, basta li jkun att "normali ta' ġestjoni ta' kummerċ". (Vide wkoll Claudette Gauci v. Paolo Bonnici Limited et, PA per Imħallef Tonio Mallia deċiża fid-9 ta' Ottubru 2003). F'tali każ it-terz kreditur jista' idur fuq l-assi tal-komunjoni u, in subordine, jdur fuq il-beni personali ta' dak biss fost il-konjuġi li għamel in-negozju u ndaħal fir-responsabilità kontrattwali diretta. Il-mara, il-konvenuta f'din il-kawża, hija responsabbli sal-konkorrenza ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. … Għalhekk u fid-dwal ta' dawn il-konsiderazzjonijiet jirċievi applikabilità d-dispost tal-artikolu 1324 għall-każ odjern li għandha tikkonduċi biex jiġi ritenut illi fil-każ tal-obbligazzjoni assunta mill-konvenut Martin Schembri u li għandha karattru negozjali u mhux personali għandha twieġeb il-komunjoni tal-akkwisti u, konsegwentement, ukoll il-konvenuta Joan Schembri iżda limitatament għal sehemha mill-assi tal-komunjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Claudette Gauci v. Paolo Bonnici Limited et, Ċitaz. Nru. 14/02** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Ottubru 2003, ċitata fil-preċitata sentenza **Three Barrels Limited v. Joan Schembri et**, ġie osservat illi: l-iskop tal-artikolu 1324 hu intiż biex, fil-konfront ta' terz, il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsorti wieħed biss, basta li jkun att 'normali' ta' ġestjoni ta' kummerċ. It-terz, allura, ma jkollux għalfejn, kull darba, li jinnegozja ma' konsorti jitlob li dan tal-aħħar iġib il-parti l-oħra miegħu, għax jaf li, bil-firma ta' parti waħda, xorta waħda jkun kopert. Dan joħroġ ċar ukoll minn eżami tal-artikolu 1330 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jgħid li meta l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jkunux biżżejjed biex jitħallsu d-djun li jkunu piż fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistgħu jinforzaw it-talba tagħhom in subsidium kontra l-beni parafernali tal-miżżewġin b'dan però li jekk id-dejn in kwistjoni (u hawn qed nitkellmu fuq djun tal-komunjoni) jinħoloq mill-eżerċizzju ta' negozju kif imsemmi fl-artikolu 1324, allura l-kredituri jistgħu jinfurzaw dak id-dejn in subsidium fuq l-assi parafernali biss tal-parti li ħoloq dak id-dejn. Dan l-artikolu jikkonferma, u fil-fatt, qed jassumi li dejn maħluq kif imsemmi fl-artikolu 1324, huwa dejn tal-komunjoni, u huwa biss in subsidium li min ħoloq dak id-dejn ikun responsabbli għalih bil-beni parafernali tiegħu. Il-liġi ħolqot sistema fejn qed tipprova tibbilanċja l-interess ta' kull min hu interessat. Minn naħa l-waħda għandek in-negozjant li, biex imexxi n-negozju tiegħu fl-interess tal-komunjoni tal-akkwisti, m'għandux għalfejn ikaxkar lil martu miegħu biex din takkumpanjah għal kull att li jagħmel u t-terz jaf li avvolja qed jinnegozja mar-raġel biss, warajh hemm il-komunjoni. Il-mara, ftit jew wisq, qed tieħu riskju għax tista' ssib il-komunjoni mgħobbija b'piżijiet ta' natura straordinarja

li għalihom ma tatx il-kunsens. Kontra dan, però, għandha mhux biss il-fakoltà li ċċaħħad lil żewġha milli jkompli jamministra l-komunjoni, taħt l-artikolu 1325 tal-Kodiċi Ċivili, iżda l-privileġġ li tara li ġidha parafernali ma jkunux jistgħu jitmessu mill-kredituri tal-komunjoni, u dan peress li dak l-att inħoloq taħt l-artikolu 1324.

Il-liġi, bl-artikolu 1324, ħolqot eċċezzjoni għar-regola li att straordinarju maħluq minn konsorti wieħed ma jippreġudikax il-komunjoni tal-akkwisti b'dan, però, li dik l-eċċezzjoni ma twassalx għall-effetti kollha tar-regola ġenerali, u ċioè, li l-miżżewġin jagħmlu tajjeb in subsidium b'ġidhom personali għad-djun tal-komunjoni. Dejn magħmul ai termini tal-artikolu 1324, jorbot lill-komunjoni ta' l-akkwisti u in solidum il-beni parafernali ta' dak biss li ta lok għal dak id-dejn. L-obbligazzjoni in kwistjoni hi, allura, mhux biss obbligazzjoni valida li ħoloq ir-raġel ai termini tal-artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili, iżda wkoll hi obbligazzjoni li torbot lill-komunjoni tal-akkwisti allura eżistenti bejn il-konjuġi…

Fil-każ in eżami jirriżulta li l-konvenuti Paul Azzopardi u Bernardette Azzopardi huma miżżewġin u fin-nuqqas ta' prova kuntrarja japplika dak dispost fl-artikolu 1316(1) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè li ż-żwieġ li jsir f'Malta jġib ipso jure bejn il-miżżewġin, il-komunjoni tal-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra b'att pubbliku. Fid-dawl ta' dan għalhekk fil-każ in eżami u b'mod partikolari għat-talba attriċi għar-rifużjoni tas-somma ta' Lm600 li tħallset lill-konvenut Paul Azzopardi mill-attur akkont tal-valur tax-xogħol li kellu jigi esegwit, japplika dak appena osservat fir-rigward tar-responsabilità tal-komunjoni vis-à-vis it-terz kreditur għad-djun riżultanti minn atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni eżerċitata minn konjuġi wieħed biss. Konsegwentement jirriżulta li l-konvenuta Bernardette Azzopardi qua mart il-konvenut Paul Azzopardi ġiet ġustament u korrettament imħarrka mill-attur."

18. *Fis-sentenza fl-ismijiet:* ***<u>Electronic Products Limited v. Emmanuel Micallef e</u>t.*** *(PA, Ċit Nru 633/01 GV, 10/10/2001) f'kawża fejn il-kumpannija rikorrenti talbet il-ħlas ta' prezz ta'* computer hardware *u xogħlijiet ta'* maintenance *mingħand żewġ irġiel tal-familja u n-nisa rispettivi tagħhom, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat illi:*

"Kwantu għat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti jirriżulta, anke mill-provi prodotti mill-atturi, li l-atturi qatt ma ddiljaw man-nisa Micallef. Inoltre fil-każ in eżami kieku stess kien japplika l-artikolu 1324 tal-Kap 16 billi dan kien każ ta' atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ u negozju fejn in-nisa ma daħlux. Għalhekk it-

talba attriċi fil-konfront tal-konvenuti Micallef personalment ma tistax tiġi milqugħa."

19. *Imbagħad fis-sentenza fl-ismijiet:* ***<u>Primrose Poultry Products Limited v. Anthony Muscat et.</u>*** *(Ċit Nru 997/2000 AJM, 11/10/2001) ingħad mill-Qorti f'kawża fejn il-kumpannija rikorrenti talbet il-ħlas mill-intimati ta' prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lilhom:*

"Qed issir oġġezzjoni għall-presenza tal-mara tal-konvenut f'dawn il-proċeduri billi din ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi. Huwa minnu li ... l-mara ma għandhiex locus standi f'dawn il-proċeduri. Infatti l-artikolu 1324 tal-Kap 16 jipprovdi għall-eventwalità ta' meta att li minn natura tiegħu jkun jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarja bħal ma hu kummerċ, negozju jew professjoni, l-amministrazzjoni u rappreżentanza tkun vestita biss f'dak il-konjuġi li jkun qed jeżerċita dak in-negozju, kummerċ jew professjoni eżercitat minnu. Il-presenza tal-konvenuta għalhekk mhux meħtieġa billi, anke kif jirriżulta mill-atti tal-kawża, din qatt ma ġġestiet in-negozju in kwistjoni".

20. *In riassunt tal-ġurisprudenza ċitata fuq dan il-punt, jidher illi l-Qrati tagħna ma kienux konsistenti fuq il-kwistjoni tar-relazzjoni ġuridika li tinbet bejn persuna (i.e. f'dan il-każ il-kumpannija intimata li tidħol f'att normali ta' negozju ma' persuna li teżerċita negozju, u l-konjuġi ta' dan tal-aħħar. F'xi drabi l-Qrati rraġunaw illi ġaladarba dejn magħmul ai termini tal-Art. 1324 tal-Kap. 16 jorbot il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-miżżewġin, allura l-konjuġi li ma tkunx parti diretta min-negozju xorta waħda ikollha interess ġuridiku f'kawża fejn il-konjuġi l-ieħor ikun qed jirrispondi għal dak id-dejn jew fejn ikun qed jitlob l-ħlas ta' dak id-dejn. Kif rajna però talvolta l-Qrati rritenew illi darba skont l-Art. 1324, atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jiġu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni, allura l-parti l-oħra m'għandiex tissejjaħ f'kawża sabiex twieġeb għal jew titlob il-ħlas ta' dak id-dejn.*

21. *Din il-Qorti ttendi iżjed li taqbel mal-posizzjoni illi appena jiġi stabbilit illi l-indoli tal-azzjoni ma tkunx waħda li tikkonċerna att ta' amministrazzjoni staordinarja taħt l-Art. 1322(3) tal-Kap. 16, iżda tikkonċerna att ta' amministrazzjoni ordinarja jew inkella att li għalkemm normalment jitqies bħala ta' amministrazzjoni staordinarja ikun jaqa' taħt l-Art. 1324 tal-Kap. 16, allura* ***<u>m'hemmx il-ħtieġa</u>*** *illi l-konjuġi li ma tkunx direttament involuta fl-azzjoni titħarrek jew tiġi mħarrka. Iżda l-Qorti tikkunsidra ukoll li din tal-aħħar m'għandiex tkun imwaqqfa milli jekk trid teżerċita l-azzjoni kompetenti flimkien mal-konjuġi l-ieħor. Dan qed jingħad*

*għaliex il-konjuġi l-oħra għandha jkollha kull dritt tipparteċipa f'kawża fejn il-kwistjoni tirrigwarda talba għal ammonti li jkunu jispettaw lill-komunjoni tal-akkwisti u dan minkejja li ma tkun ipparteċipat xejn fin-negozju li jkun renda dak l-ammonti.*

22. *Fil-kawża odjerna, minn imkien ma rriżulta illi r-rikorrenti Jacqueline Calleja (li hija Nutar Pubbliku) b'xi mod tat xi servizzi lill-kumpannija intimata u filfatt l-unika darba li isimha jiffigura f'xi transazzjoni huwa fid-dokument MC1 anness mar-rikors promotur fejn skont ir-rikorrent Mario Calleja fl-2017 l-intimata kienet għaddiet xi ħlas (jekk hux permezz ta' flus kontanti jew b'ċekk m'huwiex indikat) lil martu. Jirriżulta ukoll illi għad li r-rikorrent Calleja huwa* Assistant Headmaster *ġewwa skola, huwa jeżerċita ukoll negozju ta' mastrudaxxa fuq bażi* par-time*.*

23. *Għalhekk ir-relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti Jacqueline Calleja u l-kumpannija intimata hija radikata mhux fir-relazzjoni ta' negozju bejn l-appaltant (l-intimata) u l-appaltatur (ir-rikorrent Mario Calleja) iżda fin-ness legali li nħoloq bis-saħħa tar-regoli kontenuti fis-Subtitolu III tat-Titolu V tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, fosthom għalhekk l-artikolu 1320 (li jipprovdi illi fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu,* inter alia*, dak kollu li ż-żewġ partijiet miżżewġa jakkwistaw bix-xogħol jew bil-ħidma tagħhom) u l-artikolu 1324 ġia msemmi.*

24. *Għalhekk il-Qorti tqis illi din it-tieni eċċezzjoni tal-intimata ma jistħoqqiliex li tiġi akkolta.*

**Nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti u l-kumpannija intimata għar-rigward ta' ċertu xogħlijiet**

25. *It-tielet eċċezzjoni tal-kumpannija intimata hija illi m'hijiex il-leġittimu kontradittur għax-xogħol li sar fil-Larry's Bar/Hotel peress illi hija tiġġestixxi biss id-De Vilhena Boutique Hotel, Loop Bar u Il Teatro Pizzeria e Trattoria.*

26. *Kif ġa ngħad l-kawża tittratta diversi xogħlijiet ta' mastrudaxxa li r-rikorrent għamel lill-kumpannija intimata fuq perijodu ta' ċirka sentejn flimkien ma' spejjeż sabiex jixtri l-materjal.*

27. *Skont ir-rikorrent **<u>Mario Calleja</u>**, ix-xogħlijiet twettqu fl-2017 u 2018 għalkemm il-maġġoranza saru fl-2018. (fn. 6 Fol 218A) Fl-affidavit tiegħu (fn. 7 Fol 21-182) huwa spjega kif sar jaf lil Mark Anthony Portelli, direttur tal-kumpannija intimata, mis-settur tal-edukazzjoni peress illi huwa ukoll għalliem fl-istess skola. Portelli avviċinah u saqsih jekk kienx dispost jagħmillu xi xogħlijiet tal-għamara bl-injam fid-diversi ħwienet u lukandi li kellu fil-Belt Valletta. Skont ir-rikorrent dawn kienu: Il Teatro Pizzeria e Trattoria, De Vilhena Boutique Hotel, Larry's Bar/Hotel*

*u Loop Bar. Ix-xogħol kien varjat u ta' portata konsiderevoli għalih. Mill-bidu nett Portelli insista miegħu li l-materjal għax-xogħol iħallsu hu u għalhekk kien jitolbu sabiex kull fattura jew riċevuta li jinħarġu minn fornituri lokali għal tali materjali jinħarġu f'isem il-kumpannija intimata bin-numru tal-VAT 23565820. Xi drabi Portelli kien jitolbu juża n-numru tal-VAT 24361112. Ir-rikorrent kien iħallas l-ispejjeż u Portelli kien jagħmel pagamenti akkont meta jippreżentalu dawn ir-riċevuti. Drabi oħra Portelli kien jgħaddilu ċekkijiet pagabbli lill-fornitur relattiv. Ir-rikorrent esebixxa kopja ta' dawn il-fatturi u riċevuti bħala Dok A2 a fol 26 sa 105 tal-proċess (u sommarju tagħhom bħala Dok A3 a fol 106-107) u qal illi huwa kien għaddihom kollha lil Portelli. Esebixxa ukoll kopja ta' numru ta' ċekkijiet li kien għaddilu Portelli bħala Dok A7 a fol 119-133.*

28. *Ir-rikorrent spjega ukoll kif kien hemm ukoll numru ta' fatturi li ma kienx laħaq għaddihom lil Portelli minħabba li dan kien beda jevitah. Dawn ġew esebiti bħala Dok A4 a fol 108-112 (b'sommarju mmarkat bħala Dok A5 a fol 113). Esebixxa ukoll bħala Dok A6 (a fol 114-118) numru ta'* emails *u skambji ta' messaġġi fuq* Messenger *li skont hu juru li hu kien qed jinsisti ma' Portelli li jiltaqgħu u li dan però kien qed jevitah.*

29. *Skont ir-rikorrent, kull meta ħallsu Portelli dawn il-ħlasijiet dejjem marru sabiex ikopru l-ispejjeż u dan kien fuq struzzjonijiet tal-istess Portelli. Huwa kkalkula illi b'kollox għamel spejjeż ta' €32,722.41 u rċieva ħlasijiet ammontanti għal €31,097.43 biex b'hekk skont hu baqa' bilanċ ta' €1,624.98* ***<u>bħala spejjeż</u>*** *u €13,310.46 t'idejh li flimkien jifformaw is-sorte tal-kawża:* ***<u>€14,935.44</u>****.*

30. *Fl-affidavit tiegħu kompla jgħid illi l-istruzzjonijiet sabiex jagħmel xogħlu, inkluż fil-Larry's Bar/Hotel, dejjem ġew mingħand Mark Anthony Portelli* **"<u>li kien qed jaġixxi</u> <u>fil-kariga tiegħu bħala Direttur ta' Portem Tourism Ventures Limited</u>"**. *In sostenn ta' dan huwa esebixxa fattura datata 21 ta' Settembru 2018 (fn. 8 Dok A8 a fol 134) għal spejjeż li ġew inkorsi in konnessjoni ma' Il Teatro Pizzeria għall-ammont ta' €16,985.44 liema fattura ġiet iffirmata minn Portelli għan-nom ta' Portem Tourism Ventures Limited.*

31. *Ir-rikorrent ippreżenta sensiela ta' korrispondenza permezz ta'* email *u messaġġi bil-*Messenger *(fn. 9 Dok A9 a fol 135-182) li skambja ma' Portelli matul il-pendenza tax-xogħlijiet li jinkludu struzzjonijiet ta' kif kellhom isiru x-xogħlijiet.*

32. *Ir-rikorrent spjega illi minkejja li tela' bilanċ mhux ħażin, Portelli waqaf jagħmel il-pagamenti u minkejja li prova jikkomunika miegħu diversi drabi huwa beda jevitah sakemm qatgħu kull komunikazzjoni bejniethom. Sussegwentement sar jaf bil-possibbiltà li l-intimata tittrasferixxi parti min-negozju tagħha lil Ħal Mann*

*Vella Group. Peress illi baqa' ma sema' xejn minn Portelli huwa kellu jipproċedi bil-kawża.*

33. *Ġie ikkjarifikat ukoll minn Mario Calleja illi:*

- *It-transazzjoni ta' qabel tal-aħħar fuq il-prospett anness bħala Dok MC1 (a fol 4) li ġġorr id-data 08/01/2019 għandha taqra 04/01/2019;*
- *It-transazzjoni tal-aħħar fuq il-prospett imsemmi għalkemm iġġorr id-data 15/02/2019 tirreferi għal xogħol li sar għall-ħabta ta' Settembru 2018.*

34. *In kontroeżami fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2021, l-istess* ***Mario Calleja*** *(fn. 10 Fol 218a-218) illi Portelli* "kien jaħdem ma' Portem Tourism Ventures Limited u kellu kumpannija oħra Portem Brew and Leisure Ventures Limited *(fn. 11 Għalkemm it-*transcript *tat-testimonjanza tax-xhud tagħmel riferenzi għal "Portem Group and Leisure Venture" il-Qorti vverifikat* da sua sponte *illi dawn kienu żbalji tat-traskritriċi u li filfatt ix-xhud kien qed jirreferi għal "Portem Brew and Leisure Ventures".)* li ġieli kien jgħidli isma' dan ix-xogħol ħa noħorġu minn fuq din il-kumpannija u mhux minn din il-kumpannija l-oħra... kien hemm numru ta' ċekkijiet li ħarġu mill-kumpannija l-oħra u tahomli hu stess ... kien jiddeċiedi liema kumpannija għandna nużaw jekk hux waħda jew l-oħra".

*Għad-domanda tal-avukat tal-intimata li Portelli kien ifehmu liema xogħlijiet kienu għall-benefiċċju ta' Portem Tourism Ventures Limited u liema kienu għall-benefiċċju ta' Portem Brew and Leisure Ventures Limited, ir-rikorrent ċaħad li dan kien il-każ u rrisponda kif ġej:* "Le, fl-ebda ħin ma kien jgħidli dawn se jkunu għal din il-kumpannija jew għal kumpannija l-oħra. Hu kien jaġixxi taħt id-dekasteru tiegħu bħala direttur tal-kumpannija. Jiena ma kontx nistaqsi għal liema kumpannija qed jistaqsi. Però l-pagamenti li meta hu qalli li dawn se jkunu għal Portem Brew and Leisure, dawk il-pagamenti saru kollha."

35. *Meta ġie suġġerit lir-rikorrent illi Portelli kien ifehmu illi l-Larry's Hotel/Bar kienu ġestiti minn Portem Brew and Leisure Ventures Limited u mhux mill-kumpannija intimata, dan wieġbu hekk:* "Le, fl-ebda ħin qatt ma kkonfermali u jiena qatt ma staqsejtu liema parti taqa' taħt il-Portem Brew ... u liema parti taqa' taħt Tourism. Qatt ma speċifikali l-assi tiegħu kif inhuma maqsumin... Ma kontx inkun naf speċifikament liema huma jiena dawk iż-żminijiet liema huma l-assi tiegħu, liema huma l-kumpanniji tiegħu fuq liema kumpannija."

36. *Fid-19 ta' Diċembru 2020 xehed* ***Martin Vella*** *(fn. 12 Fol 200a-200f),* Chairman *ta' Ħal Mann Vella Group, li kkonferma illi f'xi Marzu jew April tal-2019 kienet sarret ċessjoni tad-drittijiet* "li kellhom Portem Brew and Leisure Ventures

Limited *(fn. 13 Għalkemm it-*transcript *tat-testimonjanza tax-xhud tagħmel riferenzi għal* “Portem Group and Leisure Venture” *il-Qorti vverifikat da sua sponte illi dawn kienu żbalji tat-traskritriċi u li filfatt ix-xhud kien qed jirreferi għal* “Portem Brew and Leisure Ventures”*)” lill-grupp tiegħu fir-rigward tal-Larry’s Bar/Hotel. Ikkonferma ukoll illi Mark Portelli kellu diffikultajiet finanzjarji u li Ħal Mann Vella Group akkwista ukoll il-kuntratt ta’ kirja li kellha Portem Brew and Leisure Ventures Limited fil-Larry’s Bar/Hotel.*

37. *Fit-22 ta’ Frar 2021 xehed permezz ta’ affidavit **__Mark Anthony Portelli__**, direttur tal-kumpannija intimata, li spjega illi huwa d-direttur ukoll tal-kumpannija Portem Brew and Leisure Ventures Limited u li din tal-aħħar kienet topera l-Larry’s Bar u kienet ser tiġġestixxi lukanda li kienet ser tkun magħrufha bħala Larry’s Hotel. Il-kumpannija intimata kienet tiġġestixxi n-negozju fid-De Vilhena Boutique Hotel u r-ristorant Il Teatro Trattoria e Pizzeria. Huwa qal illi inizjalment qabbdu **__bħala__** **__Portem Brew & Leisure Ventures Limited__** biex jaħdimlu ġewwa l-Larry’s Bistro. Sussegwentement taħt l-istess kumpannija qabbdu biex jaħdimlu ġewwa l-Larry’s Hotel qabel ma l-interess tal-kumpannija ġie ttrasferit lil Ħal Mann Letting. Din tal-aħħar ħadet ukoll il-kredituri tagħha inkluż r-rikorrent u kellha tħallashom hi.*

38. *Fis-Sajf tal-2018 il-kumpannija intimata bdiet proġett biex tiftaħ Il Teatro Trattoria e Pizzeria bil-pjan kien li dan jinfetaħ f’Diċembru 2018. Portelli aċċenna għall-fatt illi dan ma setax jsir minħabba li r-rikorrent abbanduna l-lant tax-xogħol billi mar jaħdem għal ħaddieħor, ċertu Christian Dalli (ex-ħaddiem tal-intimata), il-Belt stess f’bar illum magħruf bħala Thirsty Lawyer.*

39. *Portelli argumenta illi r-rikorrent kien jaf sew li l-proġett differenti kienu għal kumpanniji differenti tant li kellu fil-pussess tiegħu in-numru tal-VAT separati tagħhom.*

40. *Spjega ukoll illi wara li beda jtih ix-xogħol induna li r-rikorrent ma kienx reġistrat mal-VAT u allura ma setax joħroġ* invoices *u riċevuti fiskali, mentri dawn kienu bżonnjużi għall-kumpanniji tiegħu minħabba l-awditjar. Skont Portelli għalhekk ir-rikorrent beda prassi, biex ma jidhirx, illi jixtri l-materjal* on credit *b’fattura maħruġa f’isem il-kumpanniji ta’ Portelli mill-fornituri (ġeneralment M. Demajo) li kienu jitħallsu direttament permezz ta’ ċekkijiet li Portelli kien jgħaddi lill-istess rikorrent.*

41. *Lejn l-aħħar tas-sena 2018 qamet tensjoni bejniethom meta Portelli beda jiġri wara r-rikorrent sabiex ifornih bl-*invoices/*riċevuti iżda tal-aħħar beda jevitah. Dawn baqgħu ma ġewx mgħoddija lilu sal-ġurnata li ppreżenta l-affidavit u*

*għalhekk dawn ma setgħux jibqgħu jonoraw il-ħlasijiet. Insista ukoll illi mid-dokumenti esebiti mir-rikorrent stess joħroġ ċar illi kien hu li baqa' jiġri warajh sabiex jiġbor ir-riċevuti u l-*invoices*.*

42. *Fit-28 ta' Novembru 2022 xehed* ***Christian Dalli*** *(fn. 15 Fol 301-302), ex-impjegat tal-kumpannija intimata. Huwa ħadem hemm sa Jannar 2018. Il-kariga tiegħu kienet ta'* Manager *tal-lukanda kif ukoll ta'* Project Manager*. Meta ħalla l-intimata huwa mar jaħdem ma' kumpannija oħra li kienet tiġġestixxi n-negozju fi stabbiliment bl-isem ta' The Thirsty Lawyer ġewwa l-Belt Valletta. Ikkonferma illi kien hu personalment li qabbad lir-rikorrent sabiex jagħmel xi xogħlijiet ġewwa l-istabbiliment imsemmi. Spjega illi huwa kien jgħin lir-rikorrent fix-xogħlijiet li kien qed jagħmel ġewwa Larry's Bistro u anke fil-De Vilhena Hotel. Jaf ukoll bix-xogħlijiet li kienu qed isiru f'Il Teatro Trattoria e Pizzeria. Meta spiċċa minn mal-intimata, ix-xogħol fil-Larry's Bar/Hotel kien lest.*

43. *Il-Qorti trid tqis jekk huwiex minnu illi kienet terza kumpannija u mhux il-kumpannija intimata li ngaġġat lir-rikorrent sabiex jwettaq numru ta' xogħlijiet li qed jitlob il-ħlas għalihom. F'każ li jirriżulta illi l-intimata għandha raġun, allura verament ikun ifisser illi m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u r-rikorrenti fir-rigward tagħhom u ma tkunx tenuta tħallas għalihom darba skont il-liġi hija għandha persunalità ġuridika distinta u separata minn dik tal-kumpannija l-oħra.*

44. *Fis-sentenza fl-ismijiet:* ***MGS Limited v. Pat Calabretta pro et noe et****. (PA, Rik Nru 579/10 AE, 18/09/2012) ingħad is-segwenti:*

> "Meta l-intenzjoni ta' persuna hi li tinnegozja f'isem ta' kumpannija, għandha mill-bidunett tiddikjara dan il-fatt lill-parti l-oħra u mhux tibbaża fuq fatti li tippretendi li għandhom iwasslu lill-parti l-oħra għal konklużjoni li n-negozju sar ma' kumpannija. Mill-provi ma rriżultax li f'xi żmien li matulu kien qiegħed isir bejgħ tal-merkanzija, Joseph Mamo ġie nfurmat li kien qiegħed jinnegozja ma' Ocsedet Limited. F'tali cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li l-persuna tkun qiegħda tinnegozja f'isimha personalment u mhux f'isem il-kumpannija. M'hemmx dubju li diment li jkun qiegħed isir il-ħlas, bejjiegħ ma jinteressahx jekk il-flus ikunux tad-debitur jew ta' terza persuna. L-importanti hu li jsir il-ħlas. M'għandux ikun li wieħed jargumenta li l-bejjiegħ messu rrealizza li qiegħed jinnegozja ma' kumpannija għaliex il-ħlasijiet kienu qegħdin isiru minnha. Ftehim ma jsirx b'dan il-mod."
>
> Is-sentenza ġiet ikkonfermata fl-appell u fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Mejju 2017 il-Qorti tal-Appell Superjuri ċċitat numru ta' sentenzi u qalet inter alia s-segwenti:

"Fil-kawża fl-ismijiet Enemalta v. Tabone Computer Centre Limited, il-Qorti (Prim'Awla, 2 ta' Ġunju 2005) qalet li "Din il-Qorti tapprezza li kull kumpannija għanda personalità ġuridika indipendenti waħda minn oħra, u hija wkoll "persuna" indipendenti mill-membri li jikkomponuha, però, din il-personalità ġuridika indipendenti m'għandhiex tintuża biex dak li jkun jipprova jeħles mir-responsabilitajiet tiegħu".

L-istess Qorti kompliet tgħid ukoll li:

"Huwa obbligu ta' kull "persuna" li tagħmel ċara l-posizzjoni tagħha waqt il-kontrattazzjoni ("Grima Communications Ltd vs Farrugia", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Marzu, 2003), u jekk din mhux biss tippermetti li tibqa' tinnegozja bla ma tagħmel ebda osservazzjoni dwar il-posizzjoni tagħha fir-rigward, iżda, anzi, taċċetta l-proposizzjonijiet indirizzati lejha u tobbliga ruħha fir-rigward ta' dak propost lilha, ma tistax wara tallega li hi m'għandha x'taqsam xejn mal-kwistjoni."

Huwa ukoll risaput li

"min qed jallega li kuntratt għamlu mhux f'ismu iżda fi kwalità rappreżentattiva għandu l-oneru li juri li lill-parti l-oħra kien għarafha li ma kienx qed jidher f'ismu: biex persuna li tkun qiegħda tikkontratta ma torbotx lilha nnifisha jkun meħtieġ li jiġi provat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat ċar u tond li qiegħda tidher għal ħaddieħor, jew, jekk ma indikat dan espressament, għall-inqas ikun jirriżulta biżżejjed li l-parti l-oħra tkun raġonevolment taf illi dik il-persuna tkun qiegħda tikkontratta f'isem ħaddieħor" (George Demanuele nomine vs Mauro Gagliano et deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-19 ta' Mejju 1995).

Dawn il-brani huma applikabbli perfettament għal din il-kawża u jirriżulta anke mid-depożizzjoni tal-appellanti Pat Calabretta li hija qatt ma iċċarat il-pożizzjoni tagħha mal-appellata meta qalet a fol. 255 li "Qed niġi mistoqsija jekk Mr Joseph Mamo kien jaf personalment bil-fatt li l-ispiżerija kienet ta' Ocsedet. Ma nistax naqralu moħħu imma naħseb li kien jaf". Dan ifisser li hi qatt ma qaltlu xejn iżda sempliċiment ippresumiet li kien jaf.

Fil-kawża fl-ismijiet Frank Cilia noe. v. Charles Scicluna (deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' April 1992), intqal: "Illi hija ħaġa mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Il-piż tal-prova li min jikkontratta għamel hekk

f'isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel l-allegazzjoni … … … Il-Qorti tistaqsi:- Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibgħuta mis-soċjetà attriċi (invoices, statements, ittri) ma kienux qegħdin jindikaw lil min, skont hu, kien verament obbligat, għaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-soċjetà attriċi biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Għaliex stenna li ssir din il-kawża biex żeffen fin-nofs lis-soċjetà tiegħu, … ?

Anke dan il-bran japplika għall-każ odjern għaliex f'ebda wieħed mid-dokumenti mibgħuta lill-konvenuti ma ġiet indikata is-soċjetà Ocsedet iżda l-isem tal-ispiżerija; għaliex allura huma qatt ma ġibdu l-attenzjoni ta' dan lill-appellata meta huma kienu qed jiġġestixxu dik l-ispiżerija?"

45. *Mill-provi rriżulta lill-Qorti illi Mark Anthony Portelli għandu portafoll varjat ta' kumpanniji fl-oqsma tal-*catering *u l-ospitalità inkluż it-turiżmu. Fost il-kumpanniji tiegħu insibu lil Portem Employment Services Limited, Portem Lotteries and Gaming Limited (li għalkemm issemmiet madanakollu kienet ġiet* struck-off*), Portem Real Estate and Developments Limited, Portem Brew and Leisure Ventures Limited u l-kumpannija intimata nnifisha, Portem Tourism Ventures Limited.*

46. *Mill-prospett anness mar-rikors promotur u mmarkat bħala Dok MC1 (fn. 16 fol 2-4) wieħed jsib it-transazzjonijiet segwenti relatati mal-Larry's Bar/Hotel u ċioe mal-postijiet fejn skont l-intimata n-negozju huwa ġestit minn kumpannija oħra (ossia Portem Brew and Leisure Ventures Limited):*

- 2017: Fixing of door at Larry's Bar, manufacture and replacement of wooden panel, manufucture and installation of loġġ ... €825
- 2017: Manufacture and installation of bar, manufacture and installation of light rods, cladding of bar with copper, 3 bar platforms, and all other jobs icw Larry's bistro ... €7,500
- 12/05/2018: Band platform at Larry's 235 plus 100 carpet ... €335
- 12/12/2018: Manufacture of 12 vanity units, 1n marine plywood, structure only and no finish for Larry's Hotel ... € 800
- 15/02/2019: Restoration works carried out to date on Larry's Hotel Door ... €115

47. *In toto dawn jammontaw għal ftit inqas minn 21% tal-ammonti kollha debitati lill-kumpannija intimata mir-rikorrent.*

48. *Skont Mark Anthony Portelli, ir-rikorrent kien jaf sew b'dawk ix-xogħlijiet u spejjeż li kienu qed isiru għall-kumpannija intimata u dawk li kienu qed isiru għall-*

*kumpannija l-oħra. Prova ta' dan, skont l-istess Portelli, huwa l-fatt illi r-rikorrenti kellu fil-pussess tiegħu n-numri tal-VAT rispettivi tagħhom u li kien isaqsih liema wieħed juża meta jkun ser jagħmel xi spejjeż. Ir-rikorrenti min-naħa tiegħu qal illi Portelli ġieli kien jgħidlu biex xi xogħol **joħorġu minn fuq** kumpannija u mhux fuq oħra u li kien Portelli li jiddeċiedi għandiex tintuża waħda jew l-oħra. Insista ukoll b'mod enfatiku illi fl-ebda ħin ma kien jgħidu Portelli li xi spejjeż/xogħlijiet kienu ser isiru għall-**benefiċċju** ta' kumpannija u mhux oħra u li min-naħa tiegħu huwa ma kienx jistaqsi.*

49. *Ir-rikorrent argumenta ukoll illi d-dokument a fol 134, li juri ammont dovut ta' €16,985.44, juri kemm hija l-kumpannija intimata biss illi hija responsabbli għall-ammont pretiż u dan għaliex fuqu Portelli iffirma għan-nom tal-kumpannija intimata. Fuq dan il-punt il-Qorti ma taqbilx għal raġunijiet li kellhom ikunu ovvji għall-abbli avukat difensur tal-intimata. Dan għaliex l-ammonti indikati fuq tali dokument juru biss dawk in konnessjoni ma' spejjeż li saru f'Il Teatro Trattoria e Pizzeria u m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-ispejjeż/xogħlijiet li saru fil-Larry's Bar/Hotel li huma dawk li qed jiġu kontestati mill-intimata (fis-sens li qed tgħid li m'għandha x'taqsam xejn magħhom u allura mhumiex dovuti minnha).*

50. *Il-Qorti qieset sew il-verżjonijiet dijametrikament opposti tal-partijiet u jidhrilha illi fuq bilanċ ta' probabiltajiet għandha toqgħod iżjed fuq il-verżjoni tar-rikorrent illi huwa qatt ma kien ġie infurmat minn Portelli illi x-xogħol u l-ispejjeż kienu qegħdin isiru għal kumpanniji differenti u li kien qed jitqabbad minn entitajiet separati. Huwa minnu illi kif xehed ir-rikorrent innifsu, xi minn daqqiet huwa kien jiġi infurmat minn Portelli sabiex meta jmur jixtri l-provvisti jinforma lis-*supplier *sabiex joħroġ il-fattura fuq numru tal-VAT differenti. Huwa minnu ukoll illi numru ta' riċevuti/fatturi fil-proċess huma maħruġa fuq in-numru tal-VAT tal-kumpannija terza Portem Brew and Leisure Ventures Limited. Il-Qorti però ma tqisx li dan il-fatt waħdu kien biżżejjed sabiex jitqies illi r-rikorrent kien jaf (jew li raġonevolment kellu jkun jaf) illi ċertu xogħlijiet/spejjeż kienu qegħdin isiru għall-ordni u għall-benefiċċju ta' kumpannji separati. Wara kollox kif inhuwa magħruf il-ħlas jista' jsir minn terz għal ħaddiehor (anke skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili) mingħajr ma jkun ifisser li dak it-terz ikun b'xi mod responsabbli għall-ħlas. Dan qed jingħad iżjed u iżjed meta Mark Anthony Portelli kien jaf li l-maġġoranza tax-xogħlijiet u l-ispejjeż kienu qegħdin isiru għall-kumpannija intimata. Inoltre fil-korrispondenza/messaġġi mar-rikorrent ħareġ li mhux l-ewwel darba li Portelli jkun qiegħed jitkellem fuq xogħlijiet li għandhom jsiru fi stabbiliment partikolari (i.e. Larry's – allegatament ġestit mill-kumpannija terza) u fl-istess nifs jitkellem ukoll fuq stabbiliment ieħor (i.e. Loop Bar – allegatament ġestit mill-kumpannija*

*intimata) (fn. 17 Ara pereżempju l-iskambju ta' messaġġi a fol 179 fejn jissemmew kemm Larry's u kemm Loop f'messaġġi konsekuttivi u l-iskambju a fol 176 fejn Portem Brew and Leisure Ventures Limited tissemma kemm f'kuntest ta' kirja ta' garage u kif ukoll f'kuntest ta' Pizzeria). Li kieku ried illi ċertu xogħlijiet u spejjeż tkun responsabbli għalihom kumpannija oħra minn tiegħu, huwa kellu jagħmel dan il-punt ċar minn qabel, jekk hemm bżonn bil-miktub, u mhux wara, kif qed jipprova jagħmel issa sabiex jiskapula l-ħlas f'din il-kawża.*

51. *Il-Qorti għalhekk tħoss illi b'analoġija ma' dak li ngħad fil-ġurisprudenza illi "***min jallega li kuntratt għamlu mhux f'ismu iżda fi kwalità rappreżentattiva għandu l-oneru li juri li lill-parti l-oħra kien għarrafha li ma kienx qed jidher f'ismu***" u illi "***biex persuna li tkun qiegħda tikkontratta ma torbotx lilha nnifisha jkun meħtieġ li jiġi provat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat ċar u tond li qiegħda tidher għal ħaddieħor***" u b'estensjoni ta' dan l-insenjament, daqstant ieħor għandu negozjant li jkun daħal f'relazzjoni kummerċjali ma' parti għan-nom ta' kumpannija* ***<u>jinforma lil dik il-parti</u>*** *b'mod ċar jekk jixtieq li għal xogħol ieħor separat jidher għal kumpannija oħra minn tiegħu.*

52. *Matul il-kors tal-provi l-kumpannija intimata tramite id-direttur Portelli allegat ukoll illi n-negozju tal-Portem Brew & Leisure Ventures Limited, inkluż il-kredituri tagħha fir-rigward tal-Larry's Bar/Hotel ġew trasferiti lil Ħal Mann Letting. Dan il-fatt m'huwiex ta' rilevanza għal din il-kawża stante illi l-Qorti sejra tiċħad l-eċċezzjoni li ma teżistix relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti u l-kumpannija intimata fir-rigward tal-Larry's Bar/Hotel. Madanakollu għall-kompletezza jingħad illi filwaqt li dan it-trasferiment seta' verament sar (u filfatt ġie ikkonfermat minn Martin Vella,* Chairman *tal-Ħal Mann Vella Group illi kien sar it-trasferiment tan-negozju), ma jista' qatt ikun hemm novazzjoni fejn debitur ġdid jiġi mqiegħed minflok il-qadim mingħajr ma jkun hemm il-kunsens tal-kreditur li jeħles id-debitur il-qadim (fn. 18 Art. 1179(b) tal-Kodiċi Ċivili, xi ħaġa li ma nġabitx prova tagħha fl-atti).*

*Din it-tielet eċċezzjoni għalhekk qiegħda tiġi miċħuda.*

**Intempestività tal-azzjoni**

54. *Ir-raba' eċċezzjoni tal-intimata hija illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija intempestiva għaliex ir-rikorrenti qatt ma bagħtu fatturi u qatt ma nterpellaw lill-intimata għall-ħlas u b'hekk dawn ma tawx ċans il-possibilità ta' riżoluzzjoni amikevoli mingħajr il-ħtieġa ta' proċeduri ġudizzjarji.*

55. *L-effett ta' eżitu favorevoli għal din l-eċċezzjoni huwa dak li l-parti mħarrka tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.*

56. *Kwantu għan-nuqqas ta' sejħa għall-ħlas qabel ma nfetħet il-kawża, il-liġi ma teħtieġx li jkun hemm din is-sejħa ħlief fil-każ ta' kawżi kontra l-Gvern u xi awtoritajiet pubbliċi oħra u għalhekk m'huwiex il-każ illi għal dik ir-raġuni biss l-azzjoni hija intempestiva (fn. 19 Kap. 12 Art. 460) Naturalment il-fatt li ma jkunux intbagħtu fatturi u li ma tkunx saret interpellanza għall-ħlas għandu jittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward ta kif l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu spartati. Iżda dan hu hekk biss meta l-eċċipjenti tammetti t-talbiet u mhux meta, bħal f'dan il-każ, hija tikkuntestahom. Fuq dan il-punt, fis-sentenza fl-ismijiet:* ***Atlas Insurance Agency Limited v. Sea Malta Company Ltd. et****. (PA, Ċit Nru 1263/2000/1 GCD, 29/10/2002) ingħad illi:*

"L-aħħar eċċezzjoni hija dwar l-ispejjeż tal-kawża għax The Cargo Handling Company Limited qiegħda tgħid illi ma saritilha ebda sejħa għall-ħlas qabel ma nfetħet il-kawża. Din l-eċċezzjoni kien ikollha meritu li kieku l-eċċipjenti kienet ammettiet it-talbiet, u għalhekk il-kawża tkun saret għalxejn għax kienet tammetti qabel li kieku qabel il-kawża saritilha talba għall-ħlas. Ladarba iżda saret kontestazzjoni, is-sejħa għall-ħlas qabel il-kawża kienet xorta tkun saret għalxejn, u għalhekk l-eċċezzjoni dwar l-ispejjeż hija miċħuda".

*Din l-eċċezzjoni kien ikollha meritu li kieku l-eċċipjenti kienet ammettiet it-talbiet, u għalhekk il-kawża tkun saret għalxejn għax kienet tammetti qabel li kieku qabel il-kawża saritilha talba għall-ħlas. Ladarba iżda saret kontestazzjoni, is-sejħa għall-ħlas qabel il-kawża kienet xorta tkun saret għalxejn, u għalhekk l-eċċezzjoni dwar l-ispejjeż hija miċħuda.*

57. *Għalhekk anke din ir-raba' eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.*

**L-eċċezzjonijiet fuq il-mertu**

58. *Il-bqija tal-eċċezzjonijiet, li lkoll huma fuq il-mertu, sejrin jiġu kkunsidrati flimkien.*

59. *Il-Qorti fliet fid-dettal, wieħed wieħed, it-transazzjonijiet varji li ġew elenkati fuq il-prospett anness mar-rikors promotur. Tistqarr illi l-mod ikkonvolut ta' kif ir-rikorrenti għamel u ppreżenta l-konteġġi tiegħu m'huwa xejn feliċi u filfatt wassal sabiex il-Qorti teħli ħafna ħin prezzjuż tipprova taqbad art ta' dak li kellha quddiemha. Ibda biex, il-prospett ma jindikax b'mod ċar u ma jagħmilx distinzjoni bejn dawk it-transazzjonijiet li jikkonċernaw ix-xogħol li għamel ir-rikorrent u dawk li jikkonċernaw l-ispejjeż li għamel. Mhuwiex ċar lanqas kif l-ispejjeż li daħħal fil-prospett in kwistjoni jirreferu għall-fatturi/riċevuti esebiti peress illi dawn ma jaqblux bejniethom. Ma saret l-ebda distinzjoni bejn dawk il-fatturi/riċevuti illi skont ir-rikorrent ħallas hu direttament (fn. 20 xi ħaġa li ġiet innegata min M.A. Portelli li xehed illi l-fatturi mill-fornituri kienu dejjem joħorġu*

on credit *u kienu jitħallsu minnhom) (li għalihom kellu jiġi rimborsat) u dawk illi ġew saldati biċ-ċekkijiet maħruġin mill-intimata direttament lill-fornituri. Inoltre numru ta' transazzjonijiet huma datati skont is-sena biss (i.e. mingħajr data), oħrajn ma jsegwux b'mod kronoloġiku, waħda partikolari hija datata fis-sena 2028 filwaqt li transazzjoni oħra (datata 11 ta' Mejju 2018 li kienet il-pagament permezz ta' ċekk fl-ammont ta' €467.87 (fn. 21 Fol 121 fuq) li inċidentalment ġie ukoll indikat b'mod żbaljat fil-prospett bħala €467.67! (fn. 22 Fol 2 isfel)) ġiet erronjament indikata ukoll bħala* debit *fl-ammont ta' €467.87. Dan kollu mingħajr ma ssemmew l-ineżattezzi li għamel aċċenn għalihom ir-rikorrent stess fl-affidavit tiegħu. F'dawn iċ-ċirkostanzi il-Qorti ma kellha kompitu xejn faċli sabiex tipprova tasal għal dak l-ammont li huwa attwalment dovut mill-intimat. Dan it-telf ta' ħin ikkawżat lill-Qorti għalhekk ser jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż.*

Kalkolu tal-ispejjeż

60. *Fir-rigward ta' spejjez ma ġiex ikkontestat illi kull meta saru ħlasijiet minn Mark Anthony Portelli dawn il-ħlasijiet marru sabiex ikopru tali spejjeż u mhux ir-remunerazzjoni dovuta lir-rikorrent. Inoltre ma tressqu l-ebda provi u ma saret l-ebda allegazzjoni illi kien hemm xi fornitur partikolari li ma tħallasx għall-materjal mixtri mingħandu.*

61. *Ir-rikorrent spjega fl-affidavit tiegħu illi b'kollox għamel spejjeż ta' €32,722.41 u rċieva ħlasijiet ammontanti għal €31,097.43 biex b'hekk skont hu baqa' bilanċ ta'* ***<u>€1,624.98</u>*** *fi spejjeż. Il-Qorti fehmet illi huwa wasal għall-ammont dovut lilu bħala rifużjoni tal-ispejjeż billi naqqas l-ammonti li rċieva (kemm* cash *u kemm b'ċekkijiet sia dawk indirizzat lilu jew lil martu u sia dawk indirizzati lill-fornituri - indikati fil-prospett a fol 2-3 b'numru sostanzjali taċ-ċekkijiet jidhru esebiti a fol 120-133) mill-ammont totali tal-fatturi/riċevuti kollha esebiti a fol 26-105 (b'lista tagħhom esebita a fol 106) u dawk li skont ir-rikorrent ma setax jgħaddihom lil Mark Anthony Portelli qabel ma nfetħet il-kawża u ċioe dawk esebiti a fol 108-112 (b'lista tagħhom esebita a fol 113).*

62. *Portelli min-naħa tiegħu saħaq fl-affidavit tiegħu (fn. 23 Fol 230-232) illi mill-ammont pretiż għandhom jitnaqqsu s-segwenti:*

- *s-somma ta' €11,077.52 illi l-intimata ħallset lill-fornitur M. Demajo tramite ċekkijiet mgħoddija lir-rikorrent,*
- *s-somma ta' €800 li r-rikorrent tħallas minn Ħal Mann Letting,*
- *l-ammonti ta' €6,414 u €2,500 illi l-intimata ħallset lir-rikorrent f'*"ċirca Novembru 2018" *u Diċembru 2018 rispettivament.*

*Il-Qorti ma taqbilx. Rigward l-ammonti li l-intimata ħallset lil M Demajo Group tramite ċekkijiet mgħoddija lir-rikorrent, jirriżulta filfatt min Dok MC1 a fol 2-4 illi l-valur totali taċ-ċekkijiet indirizzati lil M Demajo Group li ġew mgħoddija lir-rikorrent kien ta' €17,848.96 u mhux kif qal Portelli, €11,077.52, u li l-ammont filfatt ġie kkreditat fil-kont li minnu ġie maħdum il-bilanċ. Il-Qorti fliet ukoll il-prospett maħruġ mill-kumpannija intimata esebit a fol 274-276 li skont l-intimata juri l-pagamenti magħmula lil Demajo f'isem ir-rikorrent u minn dan id-dokument ma tirriskontra xejn li jbiddlilha fehmtha.*

*Rigward is-somma ta' €800 li Portelli jgħid li ngħatat lir-rikorrent minn Ħal Mann Letting ma tressqet l-ebda prova f'dan is-sens u dan minkejja li matul il-kors tal-kawża xehed ukoll iċ-*Chairman *ta' Ħal Mann Group.*

*Rigward l-ammonti ta' €6,414 u €2,500 illi skont Portelli ġie rikonoxxut mir-rikorrent stess illi tħallsu lilu mill-intimata, il-Qorti tara li anke hawnhekk ma tistax taqbel. Fl-affidavit tiegħu Portelli jgħid illi dan ir-rikonoxximent sar fl-*emails *ippreżentati mir-rikorrent innifsu. Il-Qorti fliet il-korrispondenza esebita u jidher illi Portelli kien qed jalludi għall-*email *mibgħuta minnu lir-rikorrent datata 27 ta' Frar 2019 (fn. 24 Fol 115) fejn fiha* inter alia *qallu biex jgħaddilu l-*invoices *għall-ammont ta' ċirka €6,414 li kien għaddielu qabel it-30 ta' Novembru 2018 u żewġ* invoices *għall-ammont li għaddielu f'Diċembru 2018 ta' ċirka €2,500. Fit-tweġiba tiegħu mibgħuta bl-email ir-rikorrent informa lil Portelli illi meta jrid jista' jgħaddi għar-riċevuti u allura verament jista' jitqies illi Portelli ma kienx qed jinnega li rċieva dawk l-ammonti. Madanakollu m'hemm l-ebda prova illi dawn l-ammonti ma ġewx inklużi fil-prospett ippreżentat mir-rikorrent u għalhekk il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tnaqqashom mill-ammonti dovuti lir-rikorrent.*

Kalkolu tal-renumerazzjoni dovuta lir-rikorrent

63. *Ir-rikorrent ikkalkula l-ammont dovut lilu għax-xogħlijiet li wettaq billi naqqas l-ammont ta' €1,624.98 (spejjeż) mill-bilanċ ta' €14,935.44 indikat fuq il-prospett li ppreżenta.*

Korrezzjonijiet fil-bilanċ dovut

64. *Minn dan il-bilanċ il-Qorti però tara li hemm bżonn jitnaqqas l-ammont ta' €467.87 li għal xi raġuni r-rikorrent indika bħala* debit *fit-transazzjoni datata 11 ta' Mejju 2018 (li kien pagament li rċieva permezz ta' ċekk fl-ammont ta' €467.87). Il-bilanċ għalhekk għandu jaqra* ***€14,467.57****.*

65. *Fis-sitt eċċezzjoni tagħha l-intimata tgħid illi l-ammont ta' €800 għall-*vanity units *f'Larry's Bar/Hotel m'huwiex dovut stante illi dawn ma ġewx suppliti u ġew*

*imħallsa mir-rikorrenti filwaqt li l-ammonti dovuti in konnessjoni mal-bieb tal-Larry's Bar/Hotel mhumiex dovuti stante illi l-bieb ma tlestiex u ma ġiex irritornat lill-intimat. F'dan ir-rigward r-rikorrent xehed fl-affidavit tiegħu illi t-€800 li rċieva ġew allokati għall-ispejjeż li nefaq filwaqt li huwa beħsiebu jgħaddilu dan ix-xogħol appena jitħallas. Fiċ-ċirkustanzi ġaladarba t-€800 li r-rikorrent irċieva marru biex ikopru l-ispejjeż u mhux ix-xogħol tiegħu, l-Qorti ma tarax li għandha tnaqqas dan l-ammont mill-bilanċ dovut.*

66. *Fis-seba' eċċezzjoni tagħha l-intimata tgħid li l-Qorti għandha tieħu konsiderazzjoni tal-fatt li x-xogħol ta'* finishes *f'Il Teatro Pizzeria e Trattoria kellu jsir minn terzi stante illi r-rikorrent naqas milli jagħmilhom qabel il-ftuħ tal-post f'Diċembru 2017 peress illi allegatament dak iż-żmien ir-rikorrent fettillu jmur jagħmel xogħol band'oħra għand kompetitur. Il-Qorti intalbet ukoll tieħu konsiderazzjoni tal-fatt illi l-*locks *u* door handles *tal-istess post ġew ikkonsenjati iżda ma twaħħlux mir-rikorrent u kellhom jitwaħħlu minn terzi. Fl-affidavit tiegħu Portelli xehed illi huwa jistma li x-xogħol li ma tlestiex kien jammonta għal ċirka €1,500 (fn. 25 Fol 231)*

67. *Min-naħa tiegħu r-rikorrent innega li huwa ma lestiex xi xogħlijiet għaliex mar jaħdem ma kompetitur fl-istess żmien. Skont ir-rikorrent fir-rigward tal-*locks*:*

> "Mhux eżattament il-locks jiena ma lestejtx. Kien hemm lock li kien out of stock. Huwa kien aware out of stock. Konna niftehmin li meta jigi biex jiftaħ il-ħanut jiena mmur u nwaħħalulu l-lock. Il-locks l-oħrajn li ssir referenza għalihom kienu mwaħħlin u kienu nkissru. Il-*handles* tal-bibien kif inhi l-proċedura normali jinxtraw mill-klijent u jiena nwaħħalhomlu. Is-Sur Portelli lili qatt ma avviċinani biex inwaħħal il-locks u l-affarijiet. Il-ħsara fil-locks li kien hemm qabbad lil terzi persuni biex jirranġawhomlu. Jiena ma kellu l-ebda oġġezzjoni. Però għidtlu jiena u kkonfrontajtu wkoll, għalfejn ma għidtx lili meta taf li jiena nista' nagħmilhomlok. Ir-raġuni kienet li hu kien qed jaħrab biex jagħmilhomli. Wara dan l-episodju, tant kemm ma kinitx problema li jien inkompli naħdimlu xi klijenti għamlulu l-ħsara u jiena mort nirranġalu in a matter of days or two. Jiena mort nirranġalu mal-ewwel u anke komplejtlu, armajtlu l-imwejjed u s-siġġijiet li hu ġab minn barra biex ikun jista' jiftaħ meta hu kien diġà sewwa l-locks li hu qiegħed jinsinwa li kienu miksurin jew whatever." *(fn. 26 Fol 218H)*

*Rigward id-*door handles *u* locks*, fl-affidavit tiegħu r-rikorrent qal illi:*

> "Ma huwiex minnu Ii jien ma ridx inwaħħal id-door handles ta' 'II Teatro Pizzeria e Trattoria'. Fil-fatt jien kont ikkonfrontajtu u staqsejt lil Mark Anthony Portelli għala ma kienx qabbadni sabiex nwaħħalhom jien. Tant kemm hu minnu Ii fl-

istess stabbiliment qabel il-ftuħ tiegħu kont jien stess li mort armajtlu l-imwejjed u s-siġġijiet sabiex ikun jista' jibda jopera. Tant kemm kont bqajt dispost li naħdimlu għall-kuntrarju ta' dak li qed jipprova jallega, illi fil-31 ta' Diċembru 2018, għall-ħabta tad-disgħa ta' bil-lejl jien kont mort nirranġalhu bieb ta' kamra fil-'Vilhena Hotel'. Rigward il-locks tal-imsemmija bibien għajr għal wieħed minnhom, ngħid ili dawn kienu twaħħlu qabel il-21 ta' Settembru 2018 u sussegwentement rajthom miksurin fuq il-post. Għal dak li huma 'door handles' il-ftehim kien li jinxtraw mis-Sur Portelli skont il-gosti tiegħu u jien inweħħilhom, però hu qatt ma qalli xejn. Mark Anthony Portelli qatt la kien ilmenta miegħi rigward locks li ma tweħħlux u dwar id-door handles"

68. *In kontroeżami Mark Anthony Portelli (fn. 27 Fol 288 C wara) meta mitlub jispjega kif wasal għall-ammont ta' €1,500 bħala valur ta' xogħlijiet li ma tlestewx stqarr is-segwenti:*

"Avukat: Mela issa fl-affidavit tiegħek inti tgħid Mario Calleja baqa' ma spiċċax ix-xogħol li tqabbad jagħmel. Nistma li kien fadal madwar elf u ħames mitt ewro xogħol li baqa' ma sarx u dawn kienu finishes u locks. Issa dan ara ngħidx sew issa dan inti wasalt għaliha din l istima.

Mark Anthony Portelli : Le qabbad lil xi ħaddieħor għax ovvjament il-locks mort nixtrihom jien.

Avukat : Sewwa.

Mark Anthony Portelli : U ovvjament ridt installer biex …...

Avukat : U għandek tak xi stima tax-xogħlijiet kollha u d-difetti li qed tgħidilna.

Mark Anthony Portelli : Em eh parti minnhom ma kontx għamilthom mhux difetti unfinished work tal-injam kien hemm ċertu partijiet li ovvjament ħadt parir legali ovvjament peress li dakinhar kien kostitwixxa kawża kontrija biex ma nagħmilhomx ovvjament sakemm tinqata' l-kawża".

69. *Il-Qorti tifhem illi b'din l-eċċezzjoni l-intimata riedet tfisser li soffriet danni fl-ammont ta' €1,500 liema danni għandhom għalhekk jitnaqqsu mill-bilanċ dovut. Issa apparti l-verżjonijiet kontrastanti bejn ir-rikorrent u Portelli fuq din il-kwistjoni, jibqa' l-fatt illi ma tressqet l-ebda fatturi/stima mill-intimata sabiex issostnihom. Min jallega irid jipprova u fid-dawl ta' dan in-nuqqas il-Qorti ma tistax tilqa' din l-eċċezzjoni."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà intimata ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-3 ta' Mejju, 2023, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

> *"...jogħġobha takkolji dan l-appell u filwaqt li, tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Mario Calleja (Ki. 162476m) u Martu Jacqueline Calleja (Kii9. 264374m) v. Portem Tourism Ventures Ltd (C68829)', u filwaqt li tilqa' t-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà intimata, tiċħad dik il-parti tat-talba attriċi li hija ikompatibbli ma' din l-eċċezzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti appellati."*

Is-soċjetà intimata tgħid li l-aggravju tagħha huwa li l-ewwel Qorti ma ddeċidietx sew meta ddikjarat li hija kellha tħallas is-somma pretiża lir-rikorrenti, u dan għaliex f'dik is-somma kien hemm ukoll ammont għal xogħol li ma kienx ġie fornut lilha.

7. Ir-rikorrenti wieġbu fit-28 ta' Lulju, 2023, fejn sostnew li s-sentenza appellata hija ġusta u korretta, salv għal dak li kien ser jingħad fl-appell inċidentali dwar l-ispejjeż, u din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tas-soċjetà intimata u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontriha. Permezz tal-appell inċidentali tagħhom, huma qegħdin isostnu li ma kellhomx jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tagħhom ġaladarba nstab li s-soċjetà intimata kienet naqset fl-obbligi tagħha.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-partijiet rispettivi, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u filwaqt li tieħu wkoll in

konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet responsivi magħmulin mill-partijiet rispettivament.

9. Is-soċjetà intimata tispjega li hija tinstab aggravata bis-sentenza appellata għaliex permezz tagħha hija ġiet ikkundannata tħallas ukoll dik il-parti tas-somma pretiża li kienet tirrifletti xogħol li kien intiż għal fondi li hija ma kinitx tiġġestixxi. Tispjega li hija għandha twieġeb biss għal dawk ix-xogħlijiet li saru fil-lukanda 'De Vilhena Boutique Hotel', fil-'Loop Bar' u fil-fond l-ieħor kummerċjali 'Il Teatro Pizzeria e Trattoria', iżda mhux fil-fondi l-oħra 'Larry's Bar' jew 'Larry's Hotel' li ma kellhiex x'taqsam magħhom. Hija hawnhekk tagħmel riferiment għax-xhieda mogħtija permezz ta' affidavit minn Mark Anthony Portelli, fejn dan spjega li huwa direttur tas-soċjetà intimata u anki tas-soċjetà Portem Brew and Leisure Ventures Limited li kienet topera 'Larry's Bar', u li kellha l-ħsieb li tiġġestixxi wkoll il-lukanda 'Larry's Hotel'. Tgħid li għall-ewwel ir-rikorrent kien ġie nkarigat mis-soċjetà Portem Brew & Leisure Ventures Limited sabiex jagħmel xi xogħol ġewwa 'Larry's Bistro', u sussegwentement anki fil-lukanda 'Larry's Hotel' li l-interess kummerċjali tagħha f'xi żmien wara kien ġie ttrasferit lil Ħal Mann Letting, li aċċettat ukoll li tħallas lill-kredituri tagħha, anki lir-rikorrent. Tkompli tgħid li fis-Sajf tal-2018, is-soċjetà intimata kienet qiegħda tħejji sabiex tiftaħ il-fond 'Il Teatro Trattoria e Pizzeria' sa Diċembru tal-istess sena, iżda r-rikorrent kien abbanduna l-lant tax-xogħol u mar jaħdem għand terzi. Is-soċjetà intimata tirrileva li r-rikorrent kien jaf li dan il-proġett kien qed isir minn kumpannija differenti u huwa saħansitra kellu wkoll in-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT rispettiv tal-kumpanniji. Tgħid li meta l-istess rikorrent kien jixtri xi materjal *on credit* mingħand is-*suppliers,* dan kien jagħmlu permezz ta' fattura li kienet tinħareġ fuq l-isem rispettiv tal-kumpannija, u għalhekk ir-

rikorrent kien jaf sew biż-żewġ kumpanniji separati u li dawn kienu jiġġestixxu fondi separati wkoll. Filwaqt li tagħmel riferiment għall-prospett anness mar-rikors promotur, is-soċjetà intimata tirrileva li fih kien hemm indikati t-transazzjonijiet li kellhom x'jaqsmu ma' 'Larry's Bar/Hotel' ġestiti minn kumpannija oħra. Is-soċjetà intimata tispjega li dawn kollha kien jwasslu għal €9,575 (mingħajr VAT), liema somma ma kellha qatt tiġi addebitata lilha.

10. Ir-rikorrenti jwieġbu billi qabel xejn jirrilevaw li s-soċjetà intimata kienet għażlet li ma tidhirx għat-trattazzjoni finali quddiem l-ewwel Qorti, u anki għal diversi seduti oħra quddiem dik il-Qorti. Dan jgħidu li juri n-nuqqas ta' interess tagħha fil-proċeduri, b'dana li huwa wkoll prova tal-intenzjoni tagħha li ttawwal l-istess proċeduri sabiex tipposponi l-obbligu tagħha tal-ħlas ta' dak dovut mingħandha. Ir-rikorrenti jikkontendu li l-ewwel Qorti kienet tassew qieset fil-fond l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata, u għamlet ukoll riferiment fit-tul għall-ġurisprudenza applikabbli għall-każ odjern. Isostnu li għalhekk din il-Qorti għandha tikkonferma s-sentenza appellata, u dan għajr għall-kap tal-ispejjeż, għaliex huma ma kellhomx iħallsu għall-ispejjeż ġudizzjarji kif huma ser ikollhom l-opportunità li jispjegaw permezz tal-appell inċidentali tagħhom. Dwar l-aggravju tas-soċjetà intimata, jissottomettu li hawnhekk hija qiegħda tirriproduċi t-tielet eċċezzjoni tagħha li l-ewwel Qorti kienet ikkunsidrat fit-tul u ċaħditha. Jirrilevaw li l-ilment tas-soċjetà intimata hawnhekk huwa fir-rigward ta' ftit inqas minn 21% tal-ammont pretiż minnhom, u dan kif osservat l-ewwel Qorti fil-paragrafi 46 u 47 tas-sentenza appellata. Għalhekk ma tirriżultax ikkontestata il-porzjoni l-oħra tas-somma pretiża. Filwaqt li jagħmlu riferiment għas-solitu prinċipju li jirriżulta mill-ġurisprudenza, jiġifieri li Qorti tal-Appell m'għandhiex tiddisturba malajr l-apprezzament li jkun sar mill-ewwel Qorti

sakemm ma jirriżultawx raġunijiet gravi, jikkontendu li hawnhekk ċertament ma jirriżultax li l-apprezzament tal-ewwel Qorti għandu jwassal għal xi inġustizzja manifesta għall-parti t-telliefa. Huma jelenkaw id-diversi fatti li ġew meqjusa mill-ewwel Qorti sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha, fejn jgħidu li ma sar l-ebda apprezzament ħażin jew żbaljat. Filwaqt li r-rikorrenti jagħmlu riferiment għall-ġurisprudenza li fuqha straħet l-ewwel Qorti, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tas-7 ta' Ottubru, 2005, fl-ismijiet **Camel Brand Co. Ltd *vs.* Michael Debono et**, (App. Sup. 1184/01), jirrilevaw li s-soċjetà intimata qatt ma kkontestat ir-rendikont li kien jintbagħat lilha mir-rikorrent, jew talbet sabiex jinħareġ rendikont separat f'isem xi kumpannija oħra. Barra minn hekk, meta x-xhud Portelli kien jagħmel pagament akkont, huwa ma kienx jitlob sabiex dan jinqata' minn kont ta' xi kumpannija jew ta' oħra. Ir-rikorrenti jirrilevaw li l-aktar rendikont riċenti huwa dak li huwa anness mar-rikors promotur. B'hekk huma jinsistu li l-aggravju tas-soċjetà intimata għandu jiġi miċħud. Minn hawnhekk huma jgħaddu sabiex jispjegaw l-aggravju tagħhom ippreżentat permezz tal-appell inċidentali tagħhom. Jgħidu li dan jirrigwarda l-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji kif allokati mill-ewwel Qorti, u jargumentaw li ġaladarba ġie kkonstatat li s-soċjetà intimata kienet naqset mill-obbligi tagħha mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi, anzi hija kienet qiegħda tittenta taħrab l-istess obbligi, huma ma kellhomx ibatu l-ispejjeż.

11. Il-Qorti tikkunsidra li s-sentenza appellata hija tajba. L-ewwel Qorti qabel xejn ikkunsidrat ix-xhieda tar-rikorrent, kif wkoll dik ta' Martin Vella bħala *chairman* ta' Ħal Mann Vella Group, li skont hu kienet akkwistat id-drittijiet tas-soċjetà Portem Brew and Leisure Ventures Limited fir-rigward ta' 'Larry's Bar/Hotel', ta' Mark Anthony Portelli, direttur tas-soċjetà intimata, u ta'

Christian Dalli, ex-impjegat ta' din tal-aħħar li kien mar jgħin lir-rikorrent fix-xogħol li sar ġewwa 'Larry's Bistro' u 'De Vilhena Hotel'. L-ewwel Qorti stqarret li għalhekk hija kellha tfittex jekk kienx tassew minnu li ma kinitx is-soċjetà appellanta li kienet inkarigat lir-rikorrent, iżda soċjetà terza, għaliex f'dak il-każ is-soċjetà intimata ma kinitx obbligata tħallas għax-xogħlijiet li saru mir-rikorrent. Hawnhekk l-ewwel Qorti qieset li kien opportun li tagħmel riferiment u saħansitra ċitat fit-tul dak li qalu l-Qorti Ċivili, Prim'Awla, u anki l-Qorti tal-Appell (Superjuri) dwar il-materja fis-sentenzi rispettivi tagħhom fil-każ fl-ismijiet **MGS Limited *vs.* Pat Calabretta pro et noe**, (Rik.nru. 579/10AE). Irrilevat li l-provi kienu juru li Portelli kellu diversi kumpanniji li joperaw fl-oqsma tal-*catering,* l-ospitalità u t-turiżmu, inkluża s-soċjetà intimata. Għaddiet sabiex elenkat id-diversi xogħlijiet li kienu saru fil-fondi kummerċjali 'Larry's Bar/Hotel', li qalet li skont s-soċjetà intimata huma ġestiti mis-soċjetà Portem Brew and Leisure Ventures Limited, u dan kif jirriżultaw mill-prospett li ġie anness mar-rikors promotur bħala Dok. MC1. Ikkunsidrat li Portelli kien jaf tajjeb liema kienu x-xogħlijiet u l-ispejjeż li kienu qegħdin isiru għas-soċjetà intimata u dawk li kienu qegħdin jiġu eżegwiti għas-soċjetà l-oħra. Ikkunsidrat ukoll li skont ir-rikorrent, kien proprju Portelli li kien jiddeċiedi fuq liema waħda minn dawn iż-żewġ soċjetajiet kellu joħroġ ix-xogħol, u qalet li dan filwaqt li sostna li ma kienx jindikalu liema soċjetà kienet ser tibbenefika mix-xogħlijiet jew spejjeż li kienu qegħdin isiru, u huwa ma kienx jistaqsi. L-ewwel Qorti stqarret li hija kienet qieset sew il-verżjonijiet konfliġġenti tal-partijiet, iżda fuq bilanċ ta' probabbiltajiet ikkunsidrat li hija għandha tistrieħ fuq dak li qal ir-rikorrent, u aċċettat li Portelli kien jgħidlu sabiex jitlob lill-fornitur tal-materjal sabiex joħroġ il-fattura fuq numru tal-VAT differenti u, filfatt kien hemm għadd ta' rċevuti u

fatturi esebiti li kienu nħarġu fuq in-numru tal-VAT tas-soċjetà terza. Il-Qorti hawnhekk ma ssibx raġuni tajba u suffiċjenti, kemm minn dak li qalu l-partijiet fix-xhieda tagħhom, u anki fl-atti ppreżentati minnhom quddiemha, għaliex hija għandha twarrab il-fehma tal-ewwel Qorti. Din tal-aħħar kompliet billi għamlet osservazzjoni ferm importanti, fejn qalet li dan il-fatt waħdu ma kienx biżżejjed sabiex jiġi kkunsidrat li b'hekk ir-rikorrent kien jaf jew raġonevolment kellu jkun jaf li ċerti xogħlijiet/spejjeż kienu qegħdin isiru għal soċjetà oħra. Irrilevat korrettement prinċipju legali importanti kif jipprovdi għalih ukoll il-Kodiċi Ċivili, ċioé li l-ħlas jista' wara kollox isir minn terz mingħajr ma jkun responsabbli għall-ħlas. L-ewwel Qorti qalet li fil-każ odjern, hija kienet qiegħda tikkunsidra dan għaliex Portelli kien jaf li bosta mix-xogħlijiet u l-ispejjeż kienu qegħdin isiru għas-soċjetà intimata, u fil-korrispondenza u messaġġi mar-rikorrent huwa kien jitkellem fuq xogħlijiet f'fond partikolari ġestit mis-soċjetà terza, u mill-ewwel jaqleb u jitkellem fuq dawk ix-xogħlijiet li kienu qegħdin jiġu eżegwiti fuq fond operat mis-soċjetà intimata. L-ewwel Qorti għalhekk stqarret sew li jekk Portelli ried li kellha tkun responsabbli is-soċjetà terza għal ċerti xogħlijiet u spejjeż, <u>dan kellu jagħmlu ċar mill-bidunett u jekk hemm bżonn bil-miktub</u>, u mhux wara kif kien qiegħed jittenta jagħmel f'dawn il-proċeduri sabiex jeħles mill-obbligu tal-ħlas. Filwaqt li għamlet enfażi fuq dak senjalat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) appena ċitata, l-ewwel Qorti stqarret li fejn negozjant ikun ikkontratta f'isem soċjetà, huwa għandu d-dmir li jinforma lill-parti terza b'mod ċar jekk jixtieq li għal xogħol ieħor separat huwa kien ser jidher għal kumpannija oħra tiegħu. Il-Qorti hawnhekk tassew m'għandha xejn iktar x'iżżid ma' dan l-insenjament korrett tal-ewwel Qorti kif applikat għall-każ odjern, u tgħid li dan

kollu kellu jwassal sabiex it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà intimata tiġi miċħuda, proprju kif għamlet l-ewwel Qorti.

12. Għandu jiġi rilevat ukoll li bħala l-aħħar konsiderazzjoni tagħha, l-ewwel Qorti kkunsidrat l-allegazzjoni tas-soċjetà intimata li kien ġie ttrasferit lil Ħal Mann Letting in-negozju tas-soċjetà Portem Brew & Leisure Ventures Limited, anki l-kredituri tagħha li kellhom x'jaqsmu ma' 'Larry's Bar/Hotel'. Irrilevat korrettement li jekk jiġi kkunsidrat li dan kien minnu, ma seta' qatt ikun hemm novazzjoni tal-obbligu tal-ħlas mingħajr il-kunsens tal-kreditur, u fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda prova dwar dan. Il-Qorti tgħid li hawnhekk ukoll l-ewwel Qorti ma kinitx żbaljata fl-applikazzjoni tal-liġi.

Dwar l-aggravju tar-rikorrenti, il-Qorti m'għandhiex wisq xi tgħid fuqu. Tirrileva li l-ewwel Qorti għamlitha ċara meta ttrattat l-eċċezzjonijiet fuq il-mertu, li t-telf ta' ħin tagħha biex tipprova tifhem il-konteġġi tar-rikorrent minħabba l-mod ikkonvolut kif dan kien ippreżentahom, kien ser ikun rifless fil-kap tal-ispejjeż. Il-Qorti taqbel magħha u ma tarax raġuni għaliex għandha tiddisturba d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell prinċipali tas-soċjetà intimata, u anki l-appell inċidentali tar-rikorrenti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà intimata u dawk tal-appell inċidentali għandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**